REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/607

tal-14 ta' April 2021

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għall-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku kkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) (ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. L-investigazzjonijiet preċedenti u l-miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 1193/2008 ([2]) il-Kunsill impona dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ", "iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat") ("il-miżuri oriġinali"). L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali". Il-miżuri ħadu s-sura ta' dazju *ad valorem* li jvarja bejn is-6,6 % u t-42,7 %.

(2) Bid-Deċiżjoni 2008/899/KE ([3]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") aċċettat impenji fuq il-prezzijiet offruti minn sitt produtturi esportaturi Ċiniżi (inkluż grupp ta' produtturi esportaturi) flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina tal-Importaturi u tal-Esportaturi tal-Metalli, tal-Minerali u tas-Sustanzi Kimiċi (China Chamber of Commerce of Metals, Minerals & Chemicals Importers & Exporters, "CCCMC"). Il-produtturi kienu Anhui BBCA Biochemical Co., Ltd. (issa COFCO Bio-Chemical Energy (Yushu) Co., Ltd.); Laiwu Taihe Biochemistry Co., Ltd.; RZBC Co., Ltd. u RZBC (Juxian) Co., Ltd.; TTCA Co., Ltd.; Weifang Ensign Industry Co., Ltd. u Yixing Union Biochemical Co., Ltd. (issa Jiangsu Guoxin Union Energy Co., Ltd.).

(3) Bid-Deċiżjoni 2012/501/UE ([4]), il-Kummissjoni rtirat l-impenn offrut minn produttur esportatur wieħed, jiġifieri Laiwu Taihe Biochemistry Co. Ltd. ("Laiwu Taihe").

(4) Bir-Regolament (UE) 2015/82 ([5]), il-Kummissjoni imponiet mill-ġdid il-miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw mir-RPĊ wara rieżami ta' skadenza (ir-"rieżami ta' skadenza preċedenti").

(5) Bir-Regolament (UE) 2016/32 ([6]), il-Kummissjoni estendiet il-miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw miċ-Ċina għall-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku kkonsenjat mill-Malasja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Malasja kif ukoll jekk le.

(6) Bir-Regolament (UE) 2016/704 ([7]), il-Kummissjoni rtirat l-impenn minn żewġ kumpaniji oħra abbażi ta' sejbiet ta' ksur tal-impenn u l-imprattikabbiltà tiegħu, li t-tnejn li huma ġġustifikaw l-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn.

(7) Bir-Regolament (UE) 2018/1236 ([8]), il-Kummissjoni temmet l-investigazzjoni dwar l-evażjoni possibbli fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw miċ-Ċina permezz ta' importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku kkonsenjat mill-Kambodja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Kambodja kif ukoll jekk le.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 323, 3.12.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 323, 3.12.2008, p. 62.
([4]) ĠU L 244, 8.9.2012, p. 27.
([5]) ĠU L 15, 22.1.2015, p. 8.
([6]) ĠU L 10, 15.1.2016, p. 3.
([7]) ĠU L 122, 12.5.2016, p. 19.
([8]) ĠU L 231, 14.9.2018, p. 20.

(8) Id-dazji anti-dumping attwalment fis-seħħ ivarjaw bejn il-15,3 % u t-42,7 % fuq importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi li kkooperaw u rata ta' dazju ta' 42,7 % japplikaw għall-importazzjonijiet mill-kumpaniji l-oħra kollha.

1.2. **Talba għal rieżami ta' skadenza**

(9) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika ta' skadenza imminenti ([9]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(10) It-talba għal rieżami tressqet fil-21 ta' Ottubru 2019 minn N.V. Citrique Belge S.A. u Jungbunzlauer Austria AG ("l-applikanti") f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' aċidu ċitriku. It-talba għal rieżami kienet imsejsa fuq il-bażi li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping u għal rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

1.3. **Il-bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(11) Wara li ddeterminat li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, u wara li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni nediet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw miċ-Ċina skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([10]) ("in-Notifika ta' Bidu").

1.4. **Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(12) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "RIP"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.5. **Partijiet interessati**

(13) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jagħmlu kuntatt magħha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarrfet speċifikament lill-applikanti, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet Ċiniżi, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa dwar il-bidu tar-rieżami u stednithom jipparteċipaw.

(14) Il-partijiet interessati kellhom ukoll l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali.

1.6. **Kampjunar**

(15) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni indikat li hija tista' tieħu kampjuni minn partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.6.1. *L-ebda kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(16) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li ż-żewġ produtturi magħrufa tal-Unjoni, N.V. Citrique Belge S.A. u Jungbunzlauer Austria AG, kellhom jissottomettu l-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lil produtturi oħra tal-Unjoni u lil assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, jekk kien hemm, sabiex jippreżentaw ruħhom u jitolbu kwestjonarju. L-ebda produttur ieħor tal-Unjoni jew assoċjazzjoni rappreżentattiva ma ppreżentat ruħha.

([9]) ĠU C 165, 14.5.2019, p. 3.

([10]) Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 18, 20.1.2020, p. 3).

1.6.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(17) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(18) Importatur mhux relatat ipprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Minħabba l-għadd żgħir ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

1.6.3. *Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fiċ-Ċina*

(19) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fiċ-Ċina jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, hija talbet lill-missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħra, jekk kien hemm, li setgħu kienu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(20) Erba' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Minħabba l-għadd żgħir ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

(21) B'mod ġenerali, il-kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi kienet insuffiċjenti. Fil-fatt, Laiwu Taihe, l-akbar produttur esportatur responsabbli għal aktar minn 53 % tal-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni ma kkooperax f'dan ir-rieżami ta' skadenza. Minflok, il-Kummissjoni użat id-*data* tal-erba' produtturi esportaturi li kkooperaw.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(22) Fil-bidu, il-Kummissjoni għamlet il-kwestjonarji għall-produtturi, l-importaturi, l-utenti u l-produtturi esportaturi tal-Unjoni fiċ-Ċina disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ ([11]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fiċ-Ċina lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(23) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju mill-applikanti, importatur wieħed, erba' utenti, u erba' produtturi esportaturi. Il-GTĊ ma weġibx għall-kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina.

1.8. **Verifika**

(24) Minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri konsegwenti meħuda biex tiġi indirizzata t-tifqigħa kif deskritt f'avviż ippubblikat fil-fajl tal-każ ("l-Avviż dwar il-COVID-19" ([12])), il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku fil-bini tal-entitajiet li ppreżentaw it-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(25) Minflok, il-Kummissjoni wettqet kontroverifika mill-bogħod tal-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjonijiet tagħha. Il-Kummissjoni wettqet Kontroverifiki Remoti tal-kumpaniji/partijiet li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

— S.A. Citrique Belge N. V., Tienen, il-Belġju,

— Jungbunzlauer Austria AG, Vjenna, l-Awstrija u Jungbunzlauer Ladenburg GmbH, Ladenburg, il-Ġermanja;

Utenti:

— Reckitt Benckiser (ENA) BV, Schiphol, in-Netherlands,

— Henkel AG & Co. KGaA, Düsseldorf, il-Ġermanja;

([11]) Link għas-sit web speċifiku għall-każ: https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2432

([12]) Notifika disponibbli fil-fajl tal-każ bin-numru t20.002450.

Produtturi esportaturi fiċ-Ċina:

— COFCO Bio-Chemical Energy (Yushu) Co. Ltd., Changchun, Jilin Province, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina,

— Jiangsu Guoxin Union Energy Co., Ltd., Yixing, Jiangsu Province, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina,

— RZBC Group, Rizhao, Shandong Province, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina,

— Weifang Ensign Industry Co., Ltd., Weifang, Shandong Province, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

1.9. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(26) Fid-dawl tal-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li turi l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tibda l-investigazzjoni wara li kkunsidrat l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(27) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-*data* meħtieġa għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika ta' Bidu l-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fiċ-Ċina jipprovdu l-informazzjoni mitluba fl-Anness III tan-Notifika ta' Bidu rigward l-inputs użati għall-produzzjoni tal-aċidu ċitriku. Erba' produtturi esportaturi Ċiniżi ppreżentaw l-informazzjoni rilevanti.

(28) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt(b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-GTĊ. Madankollu, il-GTĊ ma weġibx għal dak il-kwestjonarju. Sussegwentement, il-Kummissjoni infurmat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina.

(29) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-partijiet interessati kollha jressqu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn rigward l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. B'reazzjoni għan-Notifika ta' Bidu, is-CCCMC għamlet kummenti dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti. Dawn il-kummenti ġew analizzati fid-dettall hawn taħt fil-punt 3.2.

(30) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku bl-iskop li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni.

(31) Fil-5 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel nota għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali ("in-Nota tal-5 ta' Marzu 2020") biex tikseb il-fehmiet tal-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li l-Kummissjoni tista' tuża biex tiddetermina l-valur normali, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2(6a)(e) tar-Regolament bażiku ([13]). F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi ta' produzzjoni kollha, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-produtturi esportaturi. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla tal-prezzijiet jew tal-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat f'dak l-istadju lill-Brażil, il-Kolombja u t-Tajlandja bħala pajjiżi rappreżentattivi possibbli. Fit-13 ta' Marzu 2020, fuq talba tas-CCCME, il-Kummissjoni żvelat l-Anness IV tan-Nota tal-5 ta' Marzu 2020, li fiha d-*data* tal-Atlas tal-Kummerċ Globali ("GTA") ([14]) disponibbli għall-pubbliku li s-servizzi tal-Kummissjoni pproponew li tintuża għall-materjali tal-input u għall-prodotti sekondarji elenkati fin-Nota tal-5 ta' Marzu 2020.

(32) Il-Kummissjoni tat lill-partijiet interessati kollha l-opportunità li jikkummentaw. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand erba' produtturi esportaturi Ċiniżi, mis-CCCMC u mill-applikanti. Il-GTĊ ma pprovda l-ebda kumment.

([13]) Notifika disponibbli fil-fajl tal-każ bin-numru t20.002149.

([14]) Bażi tad-*data* ta' informazzjoni dwar il-kummerċ ipprovduta minn IHS Markit, https://ihsmarkit.com/products.html

(33) Il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti li rċeviet dwar in-Nota tal-5 ta' Marzu fit-Tieni Nota dwar is-Sorsi għad-Determinazzjoni tal-Valur Normali tat-30 ta' Novembru 2020 ("in-Nota tat-30 ta' Novembru 2020") ([15]). Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll lista proviżorja ta' fatturi ta' produzzjoni u kkonkludiet li, f'dak l-istadju, kienet beħsiebha tuża lill-Kolombja bħala l-pajjiż rappreżentattiv skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u rċeviet kummenti mingħand l-applikanti u s-CCCMC. Dawn il-kummenti ġew analizzati fid-dettall hawn taħt fil-punti 3.3 u 3.4.

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott taħt rieżami

(34) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali u r-rieżami ta' skadenza preċedenti, jiġifieri l-aċidu ċitriku u ċ-ċitrat trisodiku diidrat, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 2918 14 00 u ex 2918 15 00 (kodiċi TARIC 2918 15 00 11 u 2918 15 00 19) ("il-prodott taħt rieżami").

(35) L-aċidu ċitriku jintuża bħala regolatur aċidulant u tal-pH f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, pereżempju deterġenti għall-kura fid-djar, xorb, ikel, kożmetiċi u farmaċewtiċi. Iz-zokkor/il-melassa, it-tapjoka, il-qamħirrum jew il-glukożju (miksuba miċ-ċereali) u aġenti differenti għall-fermentazzjoni mikrobika mgħaddsa tal-karboidrati huma l-materja prima ewlenija tiegħu.

2.2. Prodott simili

(36) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali kif ukoll fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, din l-investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza kkonfermat li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott taħt rieżami li joriġina fil-pajjiż ikkonċernat;

— il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; u

— il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(37) Għalhekk, dawk il-prodotti ġew ikkunsidrati bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. Pretensjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott

(38) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda pretensjoni rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Fil-kummenti tagħha dwar il-bidu, is-CCCMC innotat li l-prodott taħt rieżami kif iddefinit fin-notifika ta' bidu jkopri t-tipi ta' prodotti soġġetti għall-miżuri oriġinali kif ukoll it-tipi koperti mill-ewwel rieżami ta' skadenza.

3. DUMPING

3.1. Kummenti preliminari

(39) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ twassal għal kontinwazzjoni jew għal rikorrenza tad-dumping miċ-Ċina.

(40) Il-kapaċità ta' produzzjoni totali ddikjarata tal-grupp ta' produtturi esportaturi li kkooperaw kienet tammonta għal madwar 72 % tal-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża totali stmata. Fid-dawl tal-livell baxx ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 18 u bbażat is-sejbiet tagħha dwar is-suq Ċiniż tal-aċidu ċitriku, inklużi l-produzzjoni, il-kapaċità u l-kapaċità ta' riżerva, fuq il-fatti disponibbli.

(41) Is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping stabbiliti hawn taħt kienu bbażati b'mod partikolari fuq l-informazzjoni inkluża fit-talba għal rieżami, l-istatistika bbażata fuq id-*data* rrapportata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6)"), kif ukoll fuq it-tweġibiet fil-kampjunar ipprovduti fil-mument tal-bidu u t-tweġibiet għall-kwestjonarju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni użat sorsi oħra ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku bħall-bażijiet ta' *data* GTA u l-Orbis Bureau van Dijk ([16]) ("Orbis").

([15]) Notifika disponibbli fil-fajl tal-każ bin-numru t20.007937.

([16]) Bażi tad-*data* finanzjarja tal-kumpaniji pprovduta mill-Bureau van Dijk, www.bvdinfo.com

3.2. **Valur normali**

(42) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(43) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "(f)il-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti".

(44) Kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.2.1. *L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

3.2.1.1. Introduzzjoni

(45) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddefinixxi "d-distorsjonijiet sinifikanti huma dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, *inter alia*, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:

— "is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;

— il-preżenza tal-Istat f'ditti li tippermetti lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;

— politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;

— in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;

— il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;

— l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat".

(46) Skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) għandha tqis, fost l-oħrajn, il-lista mhux eżawrjenti ta' elementi fid-dispożizzjoni preċedenti. Skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, fil-valutazzjoni tal-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti, għandu jitqies l-impatt potenzjali ta' wieħed jew ta' aktar minn dawn l-elementi fuq il-prezzijiet u l-kostijiet fil-pajjiż esportatur tal-prodott taħt rieżami. Fil-fatt, peress li dik il-lista mhijiex kumulattiva, mhux l-elementi kollha jeħtieġ li jitqiesu għal sejba ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw biex tintwera l-eżistenza ta' wieħed jew aktar mill-elementi tal-lista. Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) trid issir abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni globali dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur jipprovdu lill-gvern b'setgħat sostanzjali biex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezzijiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.

(47) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "[f]ejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur".

(48) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rapport tal-pajjiż dwar iċ-Ċina (minn hawn 'il quddiem "ir-Rapport" jew "ir-rapport taċ-Ċina") ([17]), li juri l-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'ħafna fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera), kif ukoll f'setturi speċifiċi (bħall-azzar u s-sustanzi kimiċi). Il-partijiet interessati kienu mistiedna jirribattu, jikkummentaw jew jissupplimentaw l-evidenza inkluża fil-fajl tal-investigazzjoni fiż-żmien tal-bidu. Ir-Rapport tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu.

(49) It-talba għal rieżami sottomessa mill-applikant, minbarra li tenniet is-sejbiet li saru fir-rapport, b'mod partikolari fis-settur kimiku, kien fiha informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedimenti anti-dumping preċedenti tal-Istati Uniti dwar l-aċidu ċitriku u b'mod partikolari s-sejbiet fil-proċediment l-aktar riċenti, kif ippubblikat fil-Memorandum dwar Kwistjonijiet u Deċiżjoni għar-Riżultati Finali tar-Rieżami Amministrattiv tad-Dazju Kumpensatorju: Aċidu Ċitriku u Ċertu Melħ taċ-Ċitrat, is-7 ta' Diċembru 2015. B'mod partikolari, l-applikant irrefera għas-sejbiet li jikkonċernaw: il-politika tas-self (self li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-industrija tal-aċidu ċitriku minn banek tal-Istat b'rati tal-imgħax anqas mir-rati kummerċjali); tnaqqis fit-taxxi fuq l-introjtu (li l-industrija tal-aċidu ċitriku tibbenefika minn tnaqqis fit-taxxi fuq l-introjtu u titlob krediti tat-taxxa fuq ix-xiri ta' tagħmir domestiku); aċċess orħos għal materja prima awżiljarja, speċjalment is-sustanzi kimiċi, inklużi l-aċidu sulfuriku, is-soda kawstika, il-faħam bituminuż, il-karbonat tal-kalċju jew il-ġir; l-art (sejbiet dwar id-drittijiet għall-użu tal-art miksuba għal remunerazzjoni anqas minn adegwata); l-elettriku (is-sejba tad-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti li l-kumpanija investigata kienet ipprovduta b'elettriku għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata) kif ukoll sussidji fil-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi u kumpens tat-taxxa ambjentali.

(50) Kif indikat fil-premessa (23) u (28) rispettivament, il-GTĊ la kkummenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew li tirribatti l-evidenza eżistenti dwar il-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport u l-evidenza addizzjonali li ġiet ipprovduta mill-applikant, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.

(51) Il-kummenti f'dan ir-rigward waslu b'rispons għall-bidu tal-kawża mis-CCCMC f'isem il-produtturi membri li kkooperaw tas-CCCMC.

(52) L-ewwel nett, is-CCCMC argumentat li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa inkonsistenti mad-dritt tad-WTO. L-ewwel nett, is-CCCMC iddikjarat li l-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-Dumping ("ADA") ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-Artikolu 2.2 tal-ADA, li jippermetti biss il-bini tal-valur normali jekk ma jkun hemm l-ebda bejgħ fil-perkors ordinarju tal-kummerċ. Is-CCCMC osservat li dan l-Artikolu ma jsemmix li distorsjonijiet sinifikanti jippermettu l-bini tal-valur normali. It-tieni nett, is-CCCMC sostniet li anki jekk il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti kien konformi mal-liġi tad-WTO, il-valur maħdum ikun jeħtieġ li jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 2.2.1.1 ADA u l-interpretazzjoni tiegħu mill-Korp tal-Appell tad-WTO f'*UE — Bijodiżil* (DS478). It-tielet nett, is-CCCMC issottomettiet li minkejja li l-kunċett ta' "perkors ordinarju tal-kummerċ" mhuwiex iddefinit b'mod espliċitu fl-ADA, l-Artikolu 2.2.1 jipprovdi li l-bejgħ ta' prodott jista' jiġi ttrattat bħala li ma jkunx fil-perkors ordinarju tal-kummerċ u injorat "biss jekk […] tali bejgħ isir f'perjodu ta' żmien estiż fi kwantitajiet sostanzjali u jsir bi prezzijiet li ma jipprevedux l-irkupru tal-kostijiet kollha […]". Ir-raba' nett, l-ADA tirrikjedi li l-valur normali jrid jiġi ddeterminat abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ jew tal-kostijiet li jirriflettu l-livell tal-prezz jew tal-kost fil-pajjiż tal-oriġini. Għalhekk, il-prezz mibni bbażat fuq il-pajjiż rappreżentattiv ma jistax jirrifletti l-livell tal-prezz u tal-kost fil-pajjiż esportatur. Skont is-CCCMC, ma hemm l-ebda dispożizzjoni fid-dritt tad-WTO li tippermetti l-użu ta' *data* minn pajjiż terz.

(53) Il-Kummissjoni qieset li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(6a) hija konsistenti b'mod sħiħ mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni Ewropea u mal-ġurisprudenza ċċitata mis-CCCMC. Hija l-fehma tal-Kummissjoni li, skont l-opinjoni tal-Bord tad-WTO u l-Korp tal-Appell f'*UE — Bijodiżil* (DS473), id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku li japplikaw b'mod ġenerali fir-rigward tal-Membri kollha tad-WTO, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5), jippermettu l-użu ta' *data* minn pajjiż terz, aġġustata kif xieraq meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tagħmel il-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur mhux xierqa għall-bini tal-valur normali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din id-dispożizzjoni tipprevedi l-bini tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ abbażi ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, inklużi dawk f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

(54) It-tieni nett, is-CCCMC issottomettiet li fil-każ inkwistjoni ma hemm ebda prova ta' distorsjonijiet sinifikanti. L-ewwel nett, il-CCCMC iddikjarat li l-applikanti ma pprovdewx biżżejjed evidenza tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li jiġġustifikaw bidu skont l-Artikolu 5(3) tar-regolament dwar ir-Regolament bażiku, b'mod partikolari minħabba li l-evidenza kienet ġenerali ħafna u mhux speċifika għall-industrija tal-aċidu ċitriku. It-tieni nett, ir-Rapport kien ippubblikat f'Diċembru 2017, filwaqt li l-RIP f'din l-investigazzjoni kien fl-2019. Għalhekk, l-evidenza miġbura fir-Rapport kienet skaduta u ma kienx jirrifletti s-sitwazzjoni tal-industrija tal-aċidu ċitriku fil-każ inkwistjoni. It-tielet nett, f'*US — Miżuri Kumpensatorji (iċ-Ċina) (Artikolu 21.5)* (DS437), il-Korp tal-Appell sab li

([17]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet dwar id-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2 (minn hawn 'il quddiem ir-"Rapport").

"l-eżistenza ta' distorsjoni fil-prezz li tirriżulta minn intervent tal-gvern trid tiġi stabbilita u spjegata b'mod adegwat" u li "id-determinazzjoni […] trid issir fuq bażi ta' każ b'każ". Għalhekk, is-CCCMC issottomettiet li r-Rapport kien sors inadegwat biex jintuża bħala evidenza fl-industrija tal-aċidu ċitriku, peress li jiddeskrivi distorsjonijiet fis-settur usa' tal-industrija kimika. Ir-raba' nett, is-CCCMC argumentat li l-proċedimenti anti-dumping tal-Istati Uniti msemmija mill-applikanti huma irrilevanti f'dan il-każ, peress li jikkonċernaw sejbiet li saru qabel l-RIP.

(55) B'rispons, il-Kummissjoni fakkret li l-punt 4.1 tan-Notifika ta' Bidu rreferiet għal għadd ta' elementi fis-suq Ċiniż tal-aċidu ċitriku, biex tissostanzja li s-suq kien affettwat mid-distorsjonijiet fis-setturi Ċiniżi tal-materja prima, tal-petrokimiċi u tal-kimiċi. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-evidenza elenkata fin-Notifika ta' Bidu kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Minbarra dan, filwaqt li s-sejbiet fl-investigazzjonijiet tad-dumping imwettqa mill-awtoritajiet ta' pajjiżi oħra ma jikkostitwixxux awtomatikament evidenza ta' distorsjonijiet fl-investigazzjonijiet tal-anti-dumping tal-UE, jista' jkun fihom elementi probattivi rilevanti biex juru li hemm ċerti anormalitajiet fis-suq rilevanti tal-pajjiż esportatur, kif kien il-każ f'din iċ-ċirkostanza fir-rigward tal-industrija Ċiniża tal-aċidu ċitriku.

(56) Fir-rigward tal-argument li r-Rapport kien skadut, il-Kummissjoni fakkret li sa issa ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li turi li r-rapport huwa skadut. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni nnutat b'mod partikolari li l-evidenza u d-dokumenti ta' politika ewlenin li jinsabu fir-rapport, inklużi l-pjanijiet rilevanti ta' ħames snin u l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-prodott taħt rieżami kienu għadhom rilevanti matul l-RIP, u li la s-CCCMC u lanqas il-partijiet l-oħra ma taw prova li dan ma kienx għadu l-każ.

(57) Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li *US — Miżuri Kumpensatorji (iċ-Ċina)* (DS437) ma kienx jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, li huwa l-bażi ġuridika rilevanti għad-determinazzjoni tal-valur normali f'din l-investigazzjoni. Dik it-tilwima kienet tikkonċerna sitwazzjoni fattwali differenti, u kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji, u mhux l-ADA. Fi kwalunkwe każ, kif spjegat fil-premessi (49) u (55) hawn fuq, l-evidenza mressqa kienet relatata b'mod ċar mas-suq tal-aċidu ċitriku Ċiniż u għalhekk mal-prodott investigat fil-każ inkwistjoni. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(58) Rigward l-aħħar argument tas-CCCMC li s-sejbiet fil-proċedimenti antidumping tal-Istati Uniti kienu irrilevanti f'dan il-każ, il-Kummissjoni tosserva li l-evidenza elenkata fin-Notifika ta' Bidu mill-applikant kienet tinkludi wkoll sejbiet oħra minbarra r-riżultati tal-investigazzjonijiet tal-Istati Uniti, b'mod partikolari għadd ta' evidenza bbażata fuq ir-Rapport. Din l-evidenza tqieset biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Filwaqt li l-investigazzjoni tal-Istati Uniti saret qabel l-RIP, il-kummenti pprovduti mill-applikanti dwar il-bidu servew bħala indikazzjoni addizzjonali ta' sostenn tal-irregolaritajiet fis-suq Ċiniż.

(59) Barra minn hekk, is-CCCMC ippreżentat kummenti dwar l-Ewwel Nota dwar is-Sorsi għad-Determinazzjoni tal-Valur Normali. F'din is-sottomissjoni, is-CCCMC l-ewwel tenniet il-kummenti tagħha li għamlet fil-bidu. It-tieni nett, hija sostniet li skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, dawk il-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li ntwera li kien hemm distorsjoni fihom biss jenħtieġ li jiġu sostitwiti bi prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni. B'mod speċifiku, is-CCCMC ikkummentat li l-applikanti naqsu milli jagħtu prova li kien hemm distorsjoni fil-kostijiet lavorattivi fiċ-Ċina, u għalhekk il-Kummissjoni kellha tuża l-kostijiet lavorattivi effettivi kif irrapportat mill-produtturi esportaturi. Is-CCCMC iddikjarat li ma kienx raġonevoli li l-kostijiet lavorattivi jiġu sostitwiti ma' dawk

f'pajjiż terz, minħabba li dawn kienu influwenzati minn diversi fatturi, bħar-relazzjoni bejn il-provvista u d-domanda fis-suq ikkonċernat, il-grad ta' awtomatizzazzjoni fil-produzzjoni u l-livell tal-prezz tal-prodott bażiku fir-reġjun fejn kienu jinsabu l-produtturi. Is-CCCMC żiedet tgħid li l-kostijiet lavorattivi varjaw mhux biss bejn pajjiżi differenti iżda wkoll bejn produtturi Ċiniżi differenti. Minbarra dan, is-CCCMC ikkummentat li l-kostijiet tal-enerġija varjaw skont diversi fatturi, inkluż it-tip ta' enerġija u d-disponibbiltà tagħha fiż-żona, it-teknoloġija tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, ir-relazzjoni bejn il-provvista u d-domanda, eċċ. Għalhekk, il-prezzijiet tal-enerġija f'pajjiż wieħed ma jistgħux jirriflettu l-livell tal-prezz tal-enerġija taħt il-kundizzjoni normali tas-suq f'pajjiż ieħor.

(60) Il-Kummissjoni nnotat li ladarba jiġi ddeterminat li minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għall-pajjiż esportatur skont l-Artikolu 2(6a)(b), mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur, il-Kummissjoni tista' tibni normali bl-użu ta' prezzijiet jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq għal kull produttur esportatur skont l-Artikolu 2(6a)(a). L-Artikolu 2(6a)(a) jippermetti l-użu tal-kostijiet domestiċi biss jekk ikun stabbilit b'mod pożittiv li mhumiex distorti. Madankollu, il-kostijiet lavorattivi u tal-enerġija individwali u/jew kostijiet tal-input oħra tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt rieżami ma setgħux jiġu stabbiliti bħala mhux distorti fid-dawl tal-evidenza disponibbli. Kif muri hawn fit-taqsimiet 3.2.1.1 sa 3.2.1.9, il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-industrija tal-aċidu ċitriku, u ma kien hemm l-ebda evidenza pożittiva dwar il-fatturi tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi individwali li kienu mingħajr distorsjoni.

(61) Fi kwalunkwe każ, il-kalkolu tal-kostijiet lavorattivi u tal-enerġija kien ibbażat fuq l-ammont rispettiv ta' manodopera u enerġija użati fil-proċess tal-manifattura kif iddikjarat mill-produtturi esportaturi. Għalhekk, l-ammont ta' manodopera u enerġija kkorrisponda għall-użu reali ta' dawn il-fatturi mill-produtturi Ċiniżi, filwaqt li l-kost lavorattiv u tal-enerġija biss kien sostitwit mill-valur mingħajr distorsjoni mill-pajjiż rappreżentattiv. Filwaqt li jista' jkun minnu li l-kostijiet lavorattivi u tal-enerġija jistgħu jvarjaw sa ċertu punt bejn żoni ġeografiċi differenti, il-Kummissjoni tuża biss kostijiet li mhumiex soġġetti għal distorsjonijiet f'pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a). Il-Kummissjoni ppubblikat żewġ noti għall-fajl dwar il-fatturi tal-produzzjoni li jippermettu lill-partijiet biżżejjed opportunitajiet biex jikkummentaw, inkluż billi tindika kwalunkwe anormalità possibbli jew kunsiderazzjonijiet oħra li potenzjalment jistgħu jaffettwawhom fil-pajjiż jew pajjiżi rappreżentattiv(i). F'dan il-kuntest, il-partijiet interessati ma qajmux dubji dwar il-livell tal-kostijiet lavorattivi u/jew tal-enerġija fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq stabbiliti fin-Nota tat-30 ta' Novembru 2020. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(62) It-tielet nett, is-CCCMC ikkummentat li skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti jenħtieġ li ssir għal kull produttur esportatur b'mod separat. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha l-obbligu li tanalizza s-sitwazzjoni ta' kull produttur Ċiniż inkluż fil-kampjun u tiddeċiedi jekk hemmx distorsjoni fi kwalunkwe wieħed mill-fatturi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ għal kull wieħed minnhom.

(63) Il-Kummissjoni tinnota li l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li jwasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija stabbilita fuq livell nazzjonali, u b'hekk tapplika għall-produtturi esportaturi kollha f'dak il-pajjiż, kif inhu l-każ hawnhekk. Fi kwalunkwe każ, kif imsemmi fil-premessa (60), l-istess dispożizzjoni tar-Regolament bażiku tipprevedi li l-ispejjeż domestiċi jistgħu jintużaw jekk jiġi stabbilit li mhumiex affettwati minn distorsjonijiet sinifikanti, f'liema każijiet jintużaw għall-kalkolu tal-valur normali. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(64) F'sottomissjonijiet separati, il-produtturi esportaturi Weifang Ensign Industry, RZBC u Jiangsu Guoxin Union Energy tennew il-pretensjonijiet li saru mis-CCCMC fl-ewwel nota. Barra minn hekk, f'sottomissjoni minn COFCO Bio-Chemical Energy (Yushu), dan il-produttur esportatur ikkummenta li l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tmur kontra d-dispożizzjoni tal-Artikolu 2.2 tal-ADA tal-ADA.

(65) Il-Kummissjoni nnutat li l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-Artikolu 2(6a) mad-dritt tad-WTO diġà ġiet spjegata fil-premessa (53) ta' hawn fuq.

(66) Wara d-divulgazzjoni, is-CCCMC u Weifang Ensign Industry, RZBC u Jiangsu Guoxin Union Energy, ippreżentaw sett ta' kummenti dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti ("it-tliet produtturi esportaturi").

(67) L-ewwel nett, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi tennew il-pretensjoni li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa inkompatibbli mal-Artikoli 2.2.1.1 u 2.2 ADA u mas-sejbiet li saru fil-każijiet tad-WTO li ġejjin: UE — Bijodiżil (l-Arġentina) (sejbiet tal-Bord u AB), UE-Bijodiżil (l-Indoneżja) (sejbiet tal-Bord), Ukrajna — Nitrat tal-Ammonju (sejbiet tal-Bord u AB), l-Awstralja — Karta Kopja (sejbiet tal-Bord) u UE — Metodoloġiji tal-Aġġustament tal-Kostijiet (sejbiet tal-Bord). Dawn il-partijiet jirreferu speċifikament għas-sejbiet f'dan l-aħħar rapport tal-Bord, jiġifieri li l-allegata distorsjoni ta' intervent/suq tal-gvern Russu ma kinitx tikkostitwixxi bażi adegwata biex jiġi konkluż li r-rekords tal-produtturi esportaturi ma kinux jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

(68) Il-Kummissjoni fakkret li l-ebda wieħed mill-każijiet tad-WTO kkwotati hawn fuq ma kien jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, is-sitwazzjonijiet fattwali sottostanti f'dawk il-każijiet huma kollha differenti mis-sitwazzjoni sottostanti u l-kriterji li jwasslu għall-applikazzjoni tal-metodoloġija skont din id-dispożizzjoni tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tat-tilwima tad-WTO UE — l-Metodoloġiji tal-Aġġustament tal-Kostijiet, il-Kummissjoni fakkret li kemm l-UE kif ukoll ir-Russja appellaw is-sejbiet tal-Panel, li għalhekk mhumiex finali u għalhekk, skont il-każistika permanenti tad-WTO, ma għandhom l-ebda status legali fis-sistema tal-GATT jew tad-WTO peress li dawn ma ġewx approvati permezz ta' deċiżjonijiet mill-Partijiet KONTRAENTI tal-GATT jew mill-Membri tad-WTO. Fi kwalunkwe każ, ir-Rapport tal-Bord ikkunsidra speċifikament id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku bħala barra mill-ambitu tat-tilwima. Il-Bord sab li dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' essenza differenti u għandhom implikazzjonijiet legali differenti mid-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, li kienu s-suġġett ta' dik it-tilwima u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) ma ħadux post tal-aħħar meta ġew introdotti ([18]). Għalhekk, is-sejbiet li saru fil-każijiet imsemmija hawn fuq ma għandhom l-ebda rilevanza għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a), li huwa dispożizzjoni ġdida u qatt ma kien soġġett għal kwalunkwe proċediment tad-WTO, u ma jiħux post l-Artikolu 2(5) u/jew l-Artikolu 2(3). Għalhekk, dawn is-sejbiet ma għandhom l-ebda sinifikat għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-Artikolu 2(6a) mar-regoli rilevanti tad-WTO. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(69) It-tieni, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi sostnew li minkejja s-sejbiet tad-WTO msemmija fil-premessa (67) li jikkostitwixxu parti integrali mis-sejbiet tal-UE dwar il-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, id-divulgazzjoni ma indikat l-ebda raġunament dwar kif din id-dispożizzjoni kienet konformi mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2.2.1.1 ADA u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Lanqas ma indikat xi rabta bejn l-Artikolu 2(6a) u "sitwazzjoni partikolari tas-suq" potenzjali kif imsemmi fl-Artikolu 2.2 ADA u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi ddikjaraw li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi spjegazzjoni dwar kif l-użu mill-Kummissjoni tad-*data* ta' pajjiżi terzi jkun iġġustifikat mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi ddikjaraw li l-Kummissjoni naqset milli tispjega l-konsistenza legali tal-Artikolu 2(6a) mal-ġurisprudenza ċċitata tad-WTO.

(70) Il-Kummissjoni l-ewwel fakkret li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku japplikaw għall-investigazzjonijiet antidumping sakemm il-kundizzjonijiet rilevanti ta' dawn id-dispożizzjonijiet rispettivi jiġu ssodisfati. B'kuntrast ma' dan, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) jikkonċernaw il-każ speċifiku ta' investigazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw minn pajjiżi fejn ġiet ikkonfermata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, u fejn l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tirrendi l-kostijiet u l-prezzijiet domestiċi mhux xierqa għall-fini tal-kalkolu tal-valur normali. Il-proċedura applikata skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku u s-sustanza tal-valutazzjoni huma għalhekk differenti minn dawk skont l-Artikoli 2(3) u 2(5) tar-Regolament bażiku. Fit-talba tagħhom, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi jassumu li d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(6a) huma neċessarjament marbuta mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(5) u 2(3) tar-Regolament bażiku, u jsostnu bħala riżultat li l-Kummissjoni jenħtieġ li legalment tiġġustifika l-applikazzjoni tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) skont l-Artikoli 2(5) u/jew 2(3) tar-Regolament bażiku. Din is-suppożizzjoni mis-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi kienet purament spekulattiva, minħabba li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jipprevedi li ladarba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni tagħha, trid tiġi applikata l-metodoloġija skont dan l-Artikolu. Ma hemm l-ebda rekwiżit f'din id-dispożizzjoni biex titwettaq xi analiżi legali supplimentari skont l-Artikoli 2(3) u/jew 2(5) tar-Regolament bażiku, u wisq inqas il-ġurisprudenza sottostanti tagħhom, kif jiddikjaraw b'mod żbaljat is-CCCME u t-tliet produtturi esportaturi. Dawn id-dispożizzjonijiet huma separati minn xulxin. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

([18]) WTO DS 494, *UE — Metodoloġiji tal-Aġġustament tal-Kostijiet*, paragrafi 7.76, 7.80 u 7.81.

(71) It-tielet, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi ddikjaraw li s-sejbiet tal-Bord fil-Metodoloġiji tal-Aġġustament tal-Ispejjeż tal-UE dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku japplikaw ukoll għall-Artikolu 2(6a). Barra minn hekk, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi sostnew li d-divulgazzjoni ma għamlet l-ebda referenza għall-aġġustamenti li saru fid-*data* Kolombjana sabiex jiġu riflessi l-kostijiet tal-produzzjoni fiċ-Ċina, li jkun pass meħtieġ skont l-Artikolu 2.2 ADA, li jipprevedi aġġustament ta' kwalunkwe *data* ta' pajjiż terz użata mill-awtorità tal-investigazzjoni meħtieġa biex tirrifletti l-kostijiet tal-produzzjoni fil-pajjiż tal-oriġini.

(72) Bi tweġiba, il-Kummissjoni nnotat li, kif diġà ġie spjegat fil-premessi (68) u (70), is-sejbiet li saru s'issa fl-investigazzjonijiet tad-WTO, inklużi l-Metodoloġiji ta' Aġġustament tal-Ispejjeż tal-UE, ma kinux jikkonċernaw b'mod speċifiku l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku iżda tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. L-aktar importanti, is-sejbiet f'dik it-tilwima mhumiex finali peress li kemm l-UE kif ukoll ir-Russja appellawhom u għalhekk, skont il-ġurisprudenza tad-WTO stabbilita, ma għandhom l-ebda status legali fil-GATT jew fis-sistema tad-WTO peress li ma ġewx approvati permezz ta' deċiżjonijiet mill-PARTIJIET KONTRAENTI tal-GATT jew il-Membri tad-WTO. Barra minn hekk, dak ir-rapport tal-Bord iddikjara speċifikament li d-dispożizzjonijiet rispettivi mhumiex tal-istess essenza u għandhom implikazzjonijiet legali differenti mill-Artikolu 2(6a). Daqstant importanti, kif spjegat fil-premessa (53) u diskuss aktar fil-premessa (74) hawn taħt, il-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO tippermetti l-użu ta' *data* minn pajjiż terz, fejn ġustifikat. Fir-rigward tad-*data* Kolombjana, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi qed jerġgħu jibbażaw it-talba tagħhom fuq taħlita tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. Kif spjegat fid-dettall hawn taħt fit-Taqsimiet minn 3.3 sa 3.8 ta' dan ir-Regolament u fid-divulgazzjonijiet speċifiċi, il-Kummissjoni użat id-*data* rilevanti fil-Kolombja (jew minn sorsi oħra għal ċerti fatturi ta' produzzjoni) f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Saru ċerti aġġustamenti għall-valur rilevanti biex wieħed jasal għal prezzijiet jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni biex jinbena l-valur normali. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(73) Ir-raba' nett, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi sostnew li s-sejba żvelata mill-Kummissjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping fil-premessi 170-186 tad-Divulgazzjoni u l-intenzjoni tagħha li żżomm il-miżuri eżistenti ma kinitx leġittima fid-dawl tas-sejbiet tal-Bord f'UE — Metodoloġiji ta' Aġġustament tal-Ispejjeż li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3) tal-ADA. Is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi ħeġġew lill-Kummissjoni tispjega u tiġġustifika fid-dettall il-pretensjoni legali tagħha fil-premessa 53 tad-divulgazzjoni li l-metodoloġija bbażata fuq l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet u l-ġurisprudenza tal-ADA applikabbli.

(74) Għal darb' oħra, il-Kummissjoni tenfasizza li s-sejbiet ta' dan ir-rapport tal-Bord tad-WTO mhumiex finali peress li ġew appellati kemm mill-UE kif ukoll mir-Russja, u għalhekk, skont il-każistika permanenti tad-WTO, ma għandhom l-ebda status legali fil-GATT jew fis-sistema tad-WTO peress li ma ġewx approvati permezz ta' deċiżjonijiet mill-PARTIJIET KONTRAENTI tal-GATT jew il-Membri tad-WTO. Barra minn hekk, il-Bord iddeċieda b'mod espliċitu li l-Artikolu 2(6a) kien barra t-termini ta' referenza tiegħu minħabba l-essenza u l-implikazzjonijiet legali differenti tad-dispożizzjoni meta mqabbla mal-Artikolu 2(5). Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (53), il-Kummissjoni qieset li skont is-sejbiet li saru fil-każ tad-WTO *UE — Bijodiżil* (DS473), id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku li japplikaw b'mod ġenerali fir-rigward tal-Membri kollha tad-WTO, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5), jippermettu l-użu ta' *data* minn pajjiż terz, aġġustata kif xieraq meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat. Peress li ma hemm l-ebda sejbiet speċifiċi li saru mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO dwar id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 2(6a), il-Kummissjoni qieset li jekk is-sejbiet li saru fil-każ UE-Bijodiżil (DS473) jitqiesu rilevanti fil-kuntest u s-sitwazzjoni differenti li jaqgħu taħt l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament antidumping bażiku, xorta waħda jkunu kompletament konsistenti mal-possibbiltà li tintuża data barra mill-pajjiż biex jinkisbu valuri mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(75) Il-ħames, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi sostnew li mill-iskadenza tal-Protokoll tal-Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO f'Diċembru 2016, ma hemm l-ebda bażi legali fid-WTO biex jiġi applikat kalkolu tal-valur normali barra mill-qafas tad-WTO ADA. Għalhekk, l-UE hija marbuta bl-obbligi internazzjonali tagħha li taderixxi strettament mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ADA li jaffettwaw id-determinazzjoni tal-valur normali.

(76) Il-Kummissjoni fakkret mill-bidu nett li fil-proċedimenti antidumping li jikkonċernaw prodotti miċ-Ċina, il-partijiet tat-Taqsima 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO li ma skadewx jibqgħu japplikaw meta jiġi ddeterminat il-valur normali, kemm fir-rigward tal-istandard tal-ekonomija tas-suq kif ukoll fir-rigward tal-użu ta' metodoloġija li mhijiex ibbażata fuq tqabbil strett mal-prezzijiet jew l-ispejjeż Ċiniżi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li l-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku ġie introdott bir-Regolament (UE) 2017/2321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) li jirreferi għall-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala l-bażi ġuridika tiegħu. Kif iċċarat ukoll fil-premessa (53), id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) huma konsistenti bis-sħiħ mal-obbligi internazzjonali tal-UE, inklużi r-regoli rilevanti tad-WTO. Billi l-Kummissjoni kkonkludiet fit-Taqsima 3.2.1 li huwa xieraq li jiġi applikat l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku f'din l-investigazzjoni u din id-dispożizzjoni hija kompletament konsistenti mar-regoli tad-WTO, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(77) Is-sitt nett, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi ddikjaraw li s-sejbiet fl-investigazzjoni kienu bbażati b'mod wiesa' fuq ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2017 li ma għandux x'jaqsam speċifikament mas-settur tal-aċidu ċitriku iżda pjuttost b'mod aktar ġenerali mas-settur usa' tal-kimika, mas-swieq upstream tal-materja prima u/jew mal-elementi tal-ekonomija Ċiniża u mal-politiki tal-gvern Ċiniż li b'mod ċar mhumiex speċifiċi għas-settur tal-aċidu ċitriku. F'dan ir-rigward, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi osservaw li skont is-sejbiet tal-Korp tal-Appell tad-WTO fl-Istati Uniti — Miżuri Kumpensatorji, il-Kummissjoni hija meħtieġa twettaq determinazzjoni każ b'każ ta' kwalunkwe distorsjoni. Is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi żiedu li ma qablux mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li dawk is-sejbiet huma irrilevanti għal dan il-każ minħabba li jikkonċernaw il-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji ("ASCM"). Is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi enfasizzaw li dawk is-sejbiet huma rilevanti wkoll fil-każ inkwistjoni.

(78) Il-Kummissjoni fakkret li skont l-ASCM, il-kuntest tad-distorsjonijiet huwa indirizzat mill-perspettiva speċifika tas-sussidjar li jagħtu lok għalih favur il-produtturi esportaturi. Il-konsegwenza ta' dawn il-proċedimenti hija l-applikazzjoni ta' dazju kumpensatorju kkalkulat speċifikament fuq il-bażi tal-ammont ta' sussidjar inġurjuż misjub minn awtorità investigattiva. B'kuntrast ma' dan, fil-kuntest tal-antidumping skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, l-analiżi mhijiex iffukata fuq jekk dawn id-distorsjonijiet jammontawx għal sussidju kumpensabbli u jissodisfawx il-kundizzjonijiet rilevanti, iżda jekk humiex sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) u għalhekk jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-valur normali prevista minn din id-dispożizzjoni. L-ordinament ġuridiku, is-sitwazzjonijiet u l-kuntest sottostanti huma differenti, iservu skopijiet differenti, u jagħtu lok għal konsegwenzi legali differenti. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet il-fehma tagħha li s-sejbiet fil-każ imsemmi hawn fuq mhumiex rilevanti għall-investigazzjoni attwali u b'hekk irrifjutat din il-pretensjoni.

(79) Fir-rigward tal-argument li r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2017 ma jinkludix kapitolu speċifiku dwar l-aċidu ċitriku, il-Kummissjoni nnotat li l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti li jwasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku mhijiex marbuta mal-eżistenza ta' kapitolu settorjali speċifiku li jkopri l-prodott li qed jiġi investigat. Ir-rapport jiddeskrivi tipi differenti ta' distorsjonijiet preżenti fir-RPĊ li huma trasversali u applikabbli fl-ekonomija Ċiniża kollha u li jaffettwaw il-prezzijiet u/jew il-materja prima u l-kostijiet tal-produzzjoni tal-prodott investigat. Barra minn hekk, ir-Rapport mhuwiex l-uniku sors ta' evidenza użat mill-Kummissjoni għad-determinazzjoni tagħha, peress li hemm elementi addizzjonali ta' prova użati għal dan il-għan. Kif spjegat fit-taqsimiet 3.2.1.2 sa 3.2.1.9 hawn taħt, l-industrija tal-aċidu ċitriku hija soġġetta għal għadd ta' interventi governattivi deskritti fir-Rapport (kopertura mill-Pjanijiet ta' Ħames Snin u dokumenti oħra, distorsjonijiet fil-materja prima, distorsjonijiet finanzjarji eċċ.), li huma elenkati u msemmija b'mod espliċitu f'dan ir-Regolament. Minbarra dan, il-premessi (94), (97), (100) u (101) ta' dan ir-Regolament iddettaljaw ukoll numru ta' distorsjonijiet applikabbli għas-settur tal-aċidu ċitriku u/jew għall-materja prima tiegħu u għall-inputs tiegħu lil hinn mid-distorsjonijiet sinifikanti li diġà hemm fir-Rapport. Iċ-ċirkostanzi tas-suq u l-politiki u l-pjanijiet sottostanti li jwasslu għad-distorsjonijiet sinifikanti għadhom applikabbli għas-settur tal-aċidu ċitriku u għal dak tal-kostijiet tal-produzzjoni tiegħu, minkejja li r-Rapport ġie rilaxxat f'Diċembru 2017. L-ebda parti ma ressqet xi evidenza li turi l-kuntrarju. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

([19]) ĠU L 338, 19.12.2017, p. 1.

(80) Is-seba', is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi argumentaw li filwaqt li l-Kummissjoni semmiet diversi kunċetti governattivi ta' gwida u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jippermettu u jistgħu saħansitra espressament jagħtu mandat għal interventi tal-gvern fl-ekonomija, il-Kummissjoni naqset milli turi l-eżistenza ta' distorsjonijiet attwali bħala konsegwenza ta' dan. Is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi żiedu li skont is-sejbiet tal-Korp tal-Appell f'US — Miżuri Kumpensatorji "l-eżistenza ta' distorsjoni tal-prezz li tirriżulta minn intervent tal-gvern trid tiġi stabbilita u spjegata adegwatament" u li "d-determinazzjoni trid issir fuq bażi każ b'każ." Is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi argumentaw ukoll li l-analiżi tad-distorsjoni tal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni trid issir fuq produttur individwali skont il-produttur u fuq il-bażi tal-kost, minħabba li kwalunkwe eżerċizzju reali ta' intervent governattiv jista' jseħħ, pereżempju, f'livelli differenti ta' gvern u fir-rigward ta' reġjuni differenti fil-pajjiż, u b'hekk il-produtturi kollha tal-prodott investigat ma jaffettwawx bl-istess mod lill-produtturi kollha tal-prodott investigat.

(81) Il-Kummissjoni fakkret li l-Artikolu 2(6a)(b) jiddikjara li, meta tivvaluta l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni trid tikkunsidra l-"impatt potenzjali" tal-elementi elenkati f'dak l-Artikolu. Is-sejbiet fit-taqsimiet 3.2.1.2 sa 3.2.1.9 ta' dan ir-Regolament juru li l-produtturi Ċiniżi tal-aċidu ċitriku għandhom aċċess preferenzjali għall-finanzjament mill-Istat u li hemm distorsjonijiet fil-pajjiż kollu fir-rigward tas-sitt elementi kollha li jindikaw distorsjonijiet, kif elenkati fl-Artikolu 2(6a)(b). Għalhekk, il-preżenza ta' tali distorsjonijiet fis-settur hija rilevanti għall-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet skont l-Artikolu 2(6a)(b). Il-Kummissjoni fakkret ukoll li irrispettivament minn jekk il-produtturi esportaturi kinux fil-fatt affettwati minn intervent dirett mill-Istat, bħall-wasla ta' sussidji, il-forniturі tagħhom jew atturi oħra involuti fis-swieq upstream jew downstream tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat x'aktarx li kienu affettwati minn intervent mill-Istat, bħall-aċċess preferenzjali għall-finanzjament, li huwa indikatur addizzjonali li l-prezzijiet jew il-kostijiet mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles. Fir-rigward tar-referenza għas-sejbiet tad-WTO fl-Istati Uniti — Miżuri kumpensatorji, kif spjegat fil-premessi (57) u (78), il-Kummissjoni ttenni li dawn mhumiex rilevanti fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni peress li jikkonċernaw l-istrument antisussidji, u fi kwalunkwe każ ma jbiddlux is-sejbiet tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(82) Fl-aħħar nett, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi sostnew li d-Divulgazzjoni falliet b'mod konsistenti, kemm fir-rigward tar-referenzi tagħha għal politiki jew pjanijiet tal-gvern ġenerali kif ukoll fir-rigward tal-allegat intervent tal-gvern fis-settur tal-aċidu ċitriku speċifikament, biex jikkwotaw każijiet ta' intervent attwali tal-gvern fl-operazzjonijiet tal-produtturi Ċiniżi tal-aċidu ċitriku bir-riżultat ta' distorsjoni tal-prezzijiet ta' dawn il-produtturi. Bħala eżempju, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi kkwotaw il-pjan governattiv imsemmi fil-premessa (76) tad-Divulgazzjoni li ħeġġeġ lill-produtturi tal-aċidu ċitriku biex joħolqu intrapriżi akbar permezz ta' fużjonijiet u riorganizzazzjonijiet. Is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi ddikjaraw li l-pjan imsemmi jirrigwarda biss ċerti provinċji, reġjuni jew żoni ta' produzzjoni, li jfisser li anke l-inkoraġġiment mhuwiex estiż b'mod komprensiv għall-produtturi kollha madwar iċ-Ċina, li għal darb' oħra jiġġustifika analiżi u divulgazzjoni bejn produttur u produttur. Barra minn hekk, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi żiedu li "inkoraġġiment" sempliċi fil-fatt mhuwiex l-istess bħal intervent attwali li jirrikjedi fużjonijiet/riorganizzazzjonijiet u l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi eżempji ta' intervent attwali. Fl-aħħar nett, is-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi ssottomettew li l-istess dokument kien jinkludi miżuri oħra, bħall-applikazzjoni ta' standards ta' protezzjoni ambjentali, sforzi ta' verifika tal-produzzjoni nadifa u titjib komprensiv fil-konservazzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma, u l-promozzjoni tal-produzzjoni nadifa u r-riċiklaġġ. Dawn il-miżuri kollha jkunu raġonevolment aktar effiċjenti biex jiġu applikati jekk l-unitajiet tal-produzzjoni jkunu akbar, kif imħeġġeġ.

(83) Il-Kummissjoni fakkret li l- "inkoraġġiment" tal-gvern ta' ċerti azzjonijiet, bħal fużjonijiet u riorganizzazzjonijiet biex jinħolqu konglomerati akbar, mhumiex biss dikjarazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet vojta, iżda li hemm inċentivi finanzjarji reali li jappoġġaw ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-gvern fil-pjanijiet uffiċjali (ara t-Taqsima 3.2.1.8 u l-premessa (110) b' mod partikolari). Anki jekk, abbażi tal-pjan tiegħu, il-gvern Ċiniż ma jisfurzax jew jobbliga lill-kumpaniji biex jiġbru flimkien f'entitajiet akbar, *quod non*, fi kwalunkwe każ hemm ċerti benefiċċji finanzjarji jew kundizzjonijiet favorevoli ta' self disponibbli għall-intrapriżi li jiddeċiedu li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-pjan, b'hekk il-forzi tas-suq ħieles li jiggwidaw lill-kumpaniji fin-nuqqas ta' tali pjanijiet huma distorti. Fi kwalunkwe każ, l-analiżi u s-sejbiet fit-Taqsimiet 3.2.1.2 sa 3.2.1.9 ta' dan ir-Regolament juru biċ-ċar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-settur tal-aċidu ċitriku, u l-fatt li dawn x'aktarx jaffettwaw lill-forniturі tal-materja prima lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat.

(84) Il-Kummissjoni għalhekk ipproċediet biex teżamina jekk kienx xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fiċ-Ċina, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fir-Rapport, li hija bbażata fuq sorsi pubblikament disponibbli. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija Ċiniża b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott taħt rieżami. Abbażi ta' dan, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

3.2.1.2. Distorsjonijiet sinifikanti li affettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina

(85) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa mnaqqax fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika taċ-Ċina. Il-prinċipju ewlieni huwa s-"sjieda pubblika soċjalista tal-mezzi ta' produzzjoni, jiġifieri s-sjieda min-nies kollha u s-sjieda kollettiva mill-persuni li jaħdmu". L-ekonomija tal-Istat titqies bħala "l-forza mexxejja tal-ekonomija nazzjonali" u l-Istat għandu l-mandat "li jiżgura l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tagħha" ([20]). Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija, iżda dawn l-interventi huma obbligatorji b'mod espliċitu. Il-kunċett tas-supremazija tas-sjieda pubblika fuq dik privata huwa mifrux fis-sistema ġuridika kollha u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi prinċipali kollha. Il-liġi Ċiniża fil-qasam tal-proprjetà hija eżempju ewlieni: hija tirreferi għaċ-Ċina bħala li qiegħda fl-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li fiha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħrajn ta' sjieda huma ttollerati, u l-liġi tippermettilhom jiżviluppaw flimkien mas-sjieda tal-Istat ([21]).

(86) Barra minn hekk, skont id-dritt Ċiniż, l-ekonomija tas-suq soċjalista hija żviluppata taħt it-tmexxija tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP"). L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma marbuta ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jiffurmaw sovrastruttura fejn ma ssirx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-Istat. Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewlieni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni. Wara l-ewwel sentenza diġà eżistenti tad-dispożizzjoni: "[i]s-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina" u ddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li tgħid: "[il-]karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hija t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina." ([22]) Dan juri l-kontroll mhux iddubitat u dejjem jikber tas-CCP fuq is-sistema ekonomika taċ-Ċina. Dawn it-tmexxija u l-kontroll huma inerenti għas-sistema Ċiniża u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali f'pajjiżi oħra fejn il-gvern jeżerċita kontroll makroekonomiku ġenerali li fil-limitazzjonijiet tiegħu joperaw forzi tas-suq ħieles.

(87) L-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzjonista biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP minflok ma jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles ([23]). L-għodod ekonomiċi intervenzjonisti li jintużaw mill-awtoritajiet Ċiniżi huma bosta, inklużi s-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll il-livell tal-ambjent regolatorju.

(88) L-ewwel nett, fil-livell tal-kontroll amministrattiv ġenerali, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija rregolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u politiki trażversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern. Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma spjegati fid-dettall, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi sabiex jiġu appoġġati l-industriji/is-setturi rilevanti, kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom jeħtieġ li jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet għadhom jinkludu miri espliċiti fir-rigward tal-produzzjoni, filwaqt li din kienet karatteristika regolari fiċ-ċikli tal-ippjanar preċedenti. Skont il-pjanijiet, is-setturi u/jew il-proġetti industrijali individwali qed jiġu identifikati bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) f'konformità mal-prijoritajiet tal-gvern u l-għanijiet ta' żvilupp speċifiċi attribwiti lilhom (ammeljorament industrijali, espansjoni industrijali, eċċ.). L-operaturi ekonomiċi, privati u dawk tal-Istat kollha kemm huma iridu jaġġustaw b'mod effettiv

([20]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 2, p. 6–7.
([21]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 2, p. 10.
([22]) Disponibbli fuq http://www.fdi.gov.cn/1800000121_39_4866_0_7.html (ikkonsultat l-aħħar fil-15 ta' Lulju 2019).
([23]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 2, p. 20–21.

l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan mhuwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet iżda anke minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema tal-pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont kif ikun meħtieġ, u b'hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet (ara wkoll it-Taqsima 3.2.1.5 ta' hawn taħt) ([24]).

(89) It-tieni nett, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja taċ-Ċina hija ddominata mill-banek kummerċjali tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom għandhom jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari (ara wkoll it-Taqsima 3.2.1.8 ta' hawn taħt) ([25]). L-istess japplika għall-komponenti l-oħrajn tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-ishma, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata, eċċ. Barra minn hekk, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju, għajr is-settur bankarju, huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b'mod li mhumiex xprunati biex itejbu l-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-Istat u mis-CCP ([26]).

(90) It-tielet nett, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu għadd ta' forom. Pereżempju, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jintużaw regolarment sabiex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk jimminaw il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-għanijiet stabbiliti mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha mhijiex iddefinita, u għalhekk tħalli marġni ta' apprezzament wiesa' għall-korpi deċiżjonali ([27]). Bl-istess mod, fil-qasam tal-investiment, il-GTĊ iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u d-daqs kemm tal-investiment tal-Istat kif ukoll ta' dak privat. L-iskrinjar tal-investiment, kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġati l-għanijiet tal-politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-Istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ([28]).

(91) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi, li jipprevedu u jinkoraġġixxu bosta interventi tal-gvern. Tali interventi sostanzjali tal-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, li jirriżulta fid-distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([29]).

3.2.1.3. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur.

(92) Fiċ-Ċina, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u/jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.

(93) Il-GTĊ u s-CCP għandhom strutturi li jiżguraw li jibqa' jkollhom influwenza fuq l-intrapriżi, u b'mod partikolari fuq l-intrapriżi tal-Istat (SOEs). L-Istat (u f'ħafna aspetti anke s-CCP) mhux biss jifformula u jissorvelja b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi ġenerali minn SOEs individwali, iżda jeżerċita wkoll id-drittijiet tiegħu li jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali fl-SOEs. Tipikament, dan isir permezz tar-rotazzjoni ta' uffiċjali tal-partit (cadres) bejn l-awtoritajiet tal-gvern u l-SOEs, permezz tal-preżenza ta' membri tal-partit fuq il-korpi eżekuttivi tal-SOEs u ta' ċelloli tal-partit fil-kumpaniji (ara wkoll it-Taqsima 3.2.1.4), kif ukoll permezz tat-tfassil tal-istruttura korporattiva tas-settur tal-SOEs ([30]). Inkambju, l-SOEs igawdu status partikolari fl-ekonomija Ċiniża, li

([24]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 3, p. 41, 73–74.
([25]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 6, p. 120–121.
([26]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 6, p. 122–135.
([27]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 7, p. 167–168.
([28]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 8, p. 169–170, 200–201.
([29]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 2, p. 15–16, ir-Rapport — il-Kapitolu 4, p. 50, p. 84, ir-Rapport — il-Kapitolu 5, p. 108–9.
([30]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 3, p. 22–24 u l-Kapitolu 5, p. 97–108.

jinvolvi għadd ta' benefiċċji ekonomiċi, b'mod partikolari lqugħ mill-kompetizzjoni u aċċess preferenzjali għal inputs rilevanti, inklużi l-finanzi ([31]). L-elementi li jindikaw l-eżistenza ta' kontroll mill-gvern fuq l-intrapriżi fis-settur tal-aċidu ċitriku huma żviluppati aktar fit-Taqsima 3.2.1.4 ta' hawn taħt.

(94) Speċifikament fis-settur tal-aċidu ċitriku, huwa evidenti ċertu grad ta' sjieda mill-GTĊ. L-investigazzjoni wriet li mill-anqas tlieta mill-produtturi esportaturi, COFCO, Jiangsu Guoxin Union Energy u Laiwu Taihe, huma SOEs. Barra minn hekk, skont it-13-il Pjan ta' Ħames Snin tal-Ipproċessar tal-Grani u taż-Żejt, l-industrija tal-aċidu ċitriku hija mħeġġa toħloq intrapriżi akbar permezz ta' fużjonijiet u riorganizzazzjonijiet ([32]). Dan l-inkoraġġiment huwa evidenza tal-involviment tal-gvern fl-affarijiet tal-industrija.

(95) Minħabba l-livell għoli ta' intervent tal-gvern fl-industrija tal-aċidu ċitriku u l-prevalenza tal-SOEs f'dan is-settur, anke l-produtturi privati ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Tabilħaqq, kemm l-intrapriżi bi sjieda pubblika kif ukoll dawk bi sjieda privata fis-settur tal-aċidu ċitriku huma soġġetti wkoll għal superviżjoni u gwida tal-politika kif stabbilit ulterjorment fit-Taqsima 3.2.1.5 ta' hawn taħt.

3.2.1.4. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew il-kostijiet

(96) Minbarra li jeżerċita kontroll fuq l-ekonomija permezz tas-sjieda ta' SOEs u għodod oħra, il-GTĊ jinsab f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u l-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u t-tneħħija ta' persunal kruċjali tal-maniġment f'SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti ([33]), iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw mezz importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet tan-negozju. Skont il-liġi tal-kumpaniji Ċiniża, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-anqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([34])) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, minn tal-anqas l-2016, is-CCP saħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rrapportat ukoll li s-CCP eżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u biex isegwu d-dixxiplina tal-partit ([35]). Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partiti f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, u dan irriżulta fi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fir-rigward tad-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ([36]). Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-aċidu ċitriku u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

(97) Speċifikament fis-settur tal-aċidu ċitriku, kif diġà ġie indikat, uħud mill-produtturi huma proprjetà tal-Istat. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li ħamsa mill-produtturi tal-aċidu ċitriku, inklużi COFCO, Weifang Ensign, RZBC, Jiangsu Guoxin u Laiwu Taihe Biochemistry għandhom rabtiet mas-CCP fost il-maniġment superjuri kif ukoll l-attivitajiet ta' bini tal-partit.

(98) Il-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji (ara wkoll it-Taqsima 3.2.1.8 ta' hawn taħt) kif ukoll fil-provvista ta' materja prima u ta' inputs għandhom effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq ([37]). Għalhekk, il-preżenza tal-Istat fid-ditti, inkluż fl-SOEs, fis-settur tal-aċidu ċitriku u f'setturi oħra (bħas-settur finanzjarji u dak tal-inputs) tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u mal-kostijiet.

([31]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 5, p. 104–9.
([32]) Ara t-13-il Pjan ta' Ħames Snin tal-Ipproċessar tal-Qamħ u taż-Żejt, it-Taqsima IV.2.1, disponibbli online fuq http://www.gov.cn/xinwen/2017-01/03/content_5155835.htm (aċċessat l-aħħar fil-21 ta' Diċembru 2020).
([33]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 5, p. 100–1.
([34]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 2, p. 26.
([35]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 2, p. 31–2.
([36]) Disponibbli fuq https://www.reuters.com/article/us-china-congress-companies-idUSKCN1B40JU (ikkonsultat l-aħħar fil-15 ta' Lulju 2019).
([37]) Ir-Rapport — il-Kapitoli 14.1 sa 14.3.

3.2.1.5. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

(99) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffukaw il-gvernijiet ċentrali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru virtwalment is-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti ta' ppjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell korrispondenti l-aktar baxx tal-gvern. B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fiċ-Ċina tirriżulta fit-tmexxija ta' riżorsi lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati f'konformità mal-forzi tas-suq ([38]).

(100) Filwaqt li l-industrija tal-aċidu ċitriku fiha nnifisha mhijiex industrija ewlenija fiċ-Ċina, il-materja prima użata fil-produzzjoni tal-aċidu ċitriku hija rregolata ħafna fiċ-Ċina. Il-materja prima ewlenija, il-qamħirrum, hija soġġetta għal regolamentazzjoni intensiva.

(101) Iċ-Ċina għandha ammonti kbar ta' ħażniet tal-qamħirrum li jippermettu lill-gvern inaqqas jew jgħolli b'mod artifiċjali l-prezzijiet ta' dan il-prodott bażiku billi jixtri jew ibigħ ammonti kbar ta' qamħirrum fis-suq. Minkejja li ċ-Ċina bdiet tindirizza l-problema tar-riżervi eċċessivi tal-qamħirrum fl-2016, xorta għandha ħażniet kbar ħafna, li għandhom effett distorsiv fuq il-prezzijiet ([39]). Barra minn hekk, il-gvern qed jikkontrolla d-diversi aspetti tal-katina kollha tal-valur tal-qamħirrum, inklużi s-sussidji fuq il-produzzjoni tal-qamħirrum ([40]) u s-superviżjoni tal-ipproċessar: "l-awtoritajiet lokali kollha għandhom jespandu l-monitoraġġ u l-analiżi tal-provvista u d-domanda tal-qamħirrum fl-oqsma rilevanti, isaħħu s-superviżjoni tal-fażi tal-bini u tal-fażi ta' wara l-bini ta' proġetti ta' pproċessar profond tal-qamħirrum, irawmu l-bilanċ tal-provvista u d-domanda tal-qamħirrum u jiżguraw is-sigurtà nazzjonali tal-ikel" ([41]). Fir-RPĊ hemm stabbiliti ukoll miżuri ta' kontroll tal-investiment: "[i]l-preżentazzjoni għall-bini ta' proġetti ta' pproċessar profond ta' qamħirrum għandha tkun soġġetta għal ġestjoni armonizzata f'konformità mal-Ordni tal-Kunsill tal-Istat Nru 673" ([42]). Dan l-involviment tal-gvern fil-katina tal-valur kollha kemm hi għandu potenzjalment, tal-anqas, effett distorsiv fuq il-prezzijiet.

(102) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri stabbiliti biex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jappoġġaw lill-industriji mħeġġa, inkluża l-produzzjoni tal-qamħirrum; il-qamħirrum huwa l-materja prima ewlenija użata fil-manifattura tal-aċidu ċitriku. Dawn il-miżuri jimpedixxu lill-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

3.2.1.6. Distorsjonijiet sinifikanti skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-fallimenti, il-kumpaniji jew il-proprjetà

(103) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Ċiniża dwar il-falliment ma timplimentax b'mod adegwat l-objettivi ewlenin propji bħal pereżempju s-saldu ġust tal-pretensjonijiet u tad-dejn u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-interessi legali tal-krediturі u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tiddependi b'mod formali minn prinċipji simili għal dawk applikati f'liġijiet korrispondenti ta' pajjiżi oħra għajr iċ-Ċina, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku. L-għadd ta' fallimenti jibqa' magħruf li huwa baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-anqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza jbatu minn għadd ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għall-preżentazzjonijiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu wieħed b'saħħtu u attiv, li spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti ([43]).

(104) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet tal-proprjetà huma partikolarment ovvji fir-rigward tas-sjieda tad-drittijiet għall-art u għall-użu tal-art fiċ-Ċina ([44]). L-art kollha hija proprjetà tal-Istat Ċiniż (art rurali bi proprjetà kollettiva u art urbana tal-Istat). L-allokazzjoni tagħha għadha tiddependi biss mill-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw id-drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u li huma

([38]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 4, p. 41–42, 83.
([39]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 12, p. 319.
([40]) Informazzjoni dwar is-sussidji disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Agrikoltura: http://www.moa.gov.cn/gk/zcfg/qnhnzc/201904/t20190416_6179338.htm.
([41]) Ara n-Notifika 2017/627 tal-NDRC li tħassar l-"Avviż tal-NDRC dwar Kwistjonijiet li Jikkonċernaw il-Ġestjoni ta' Proġetti ta' Pproċessar Profond tal-Qamħirrum", disponibbli fuq: https://www.ndrc.gov.cn/fggz/cyfz/zcyfz/201704/t20170417_1149901.html.
([42]) Ibid.
([43]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 6, p. 138–149.
([44]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 9, p. 216.

mmirati lejn il-prezzijiet tas-suq, pereżempju bl-introduzzjoni ta' proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijet ma jiġux irrispettati b'mod regolari, fejn ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq ([45]). Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluża l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art ([46]).

(105) Il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-fallimenti, dwar il-kumpaniji u dwar il-proprjetà ma jaħdmux kif suppost, u b'hekk joħolqu distorsjonijiet billi jżommu ħajjin ditti insolventi u bl-allokazzjoni tad-drittijiet għall-użu tal-art fiċ-Ċina. Bħal setturi oħra fl-ekonomija Ċiniża, il-produtturi tal-aċidu ċitriku huma soġġetti għal dawn il-liġijiet, u għalhekk huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja tagħhom jew mill-infurzar inadegwat tagħhom. Din l-investigazzjoni ma żvelat xejn li jqajjem dubji dwar dawn is-sejbiet.

(106) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur tal-aċidu ċitriku, inkluż fir-rigward tal-prodott taħt rieżami.

3.2.1.7. Distorsjonijiet sinifikanti skont il-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni

(107) Sistema ta' pagi bbażati fuq is-suq ma tistax tiżviluppa kompletament fiċ-Ċina minħabba li l-ħaddiema u l-impjegaturi huma mxekkla fid-drittijiet tagħhom għal organizzazzjoni kollettiva. Iċ-Ċina ma rratifikatx għadd ta' konvenzjonijiet essenzjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"), b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv ([47]). Skont id-dritt nazzjonali, hija attiva organizzazzjoni ta' trade union waħda biss. Madankollu, din l-organizzazzjoni mhijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali ([48]). Barra minn hekk, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari. Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni tar-residenza lokali li jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg vulnerabbli u li jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza ([49]). Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fiċ-Ċina.

(108) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li turi li s-settur tal-aċidu ċitriku mhuwiex soġġett għas-sistema Ċiniża dwar il-liġi tax-xogħol deskritta hawn fuq. Għalhekk, is-settur tal-aċidu ċitriku huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-paga kemm direttament (fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami jew tal-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tiegħu) kif ukoll indirettament (f'termini ta' aċċess għall-kapital jew għal inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fiċ-Ċina).

3.2.1.8. Distorsjonijiet sinifikanti skont is-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi mogħti minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat

(109) L-aċċess għall-kapital għal atturi korporattivi fiċ-Ċina huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet.

(110) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat ([50]), li, meta jagħtu aċċess għall-finanzi, iqisu kriterji oħra għajr il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. Bl-istess mod għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu marbuta mal-Istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) ([51]) u, għal darb'oħra eżatt bħal fil-każ tal-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jimplimentaw b'mod regolari

([45]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 9, p. 213–215.
([46]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 9, p. 209–211.
([47]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 13, p. 332–337.
([48]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 13, p. 336.
([49]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 13, p. 337–341.
([50]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 6, p. 114–117.
([51]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 6, p. 119.

ordnijiet pubbliċi mfassla mill-gvern. B'dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċitu li jmexxu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u taħt il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat ([52]). Dan jiġi amplifikat permezz ta' regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi lejn setturi ddeżinjati mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti ([53]).

(111) Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, l-evidenza massiva, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ, tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.

(112) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu ta' spiss ikunu distorti minħabba diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u mis-saħħa ta' kull garanzija impliċita mill-gvern. L-estimi jissuġġerixxu bil-qawwa li l-klassifikazzjonijiet ta' kreditu Ċiniżi jikkorrispondu b'mod sistematiku ma' klassifikazzjonijiet internazzjonali aktar baxxi ([54]).

(113) Dan jiġi amplifikat permezz ta' regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi lejn setturi ddeżinjati mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti ([55]). Dan jirriżulta fi preġudizzju li jingħata self lill-SOEs, lil ditti privati kbar u b'konnessjonijiet tajbin u lil ditti f'setturi industrijali ewlenin, li jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital mhumiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.

(114) It-tieni nett, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali biex jiġi stimolat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan intwera mit-tkabbir riċenti fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis kbir fil-profittabbiltà, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi li joperaw fis-sistema bankarja ma jsegwux ir-reazzjonijiet kummerċjali normali.

(115) It-tielet nett, għalkemm f'Ottubru 2015 inkisbet liberalizzazzjoni nominali tar-rata tal-imgħax, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Tabilħaqq, is-sehem tas-self fir-rata tal-valur referenzjarju jew taħt din ir-rata għadu jirrappreżenta 45 % tas-self kollu u jidher li żdied ir-rikors għall-kreditu mmirat, billi dan is-sehem żdied b'mod sostanzjali mill-2015 minkejja li l-kundizzjonijiet ekonomiċi marru għall-agħar. Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi prezzijiet eċċessivament baxxi, u konsegwentement fl-użu eċċessiv tal-kapital.

(116) It-tkabbir kumplessiv tal-kreditu fiċ-Ċina jindika deterjorament fl-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital mingħajr l-ebda sinjal ta' ssikkar tal-kreditu li jkun mistenni f'ambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. Bħala riżultat, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu fis-snin riċenti. Quddiem sitwazzjoni ta' żieda tad-dejn f'riskju, il-GTĊ għażel li jevita l-inadempjenzi. B'konsegwenza ta' dan, il-problemi ta' dejn mitluf ġew indirizzati permezz ta' riportament tad-dejn, biex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħa kumpaniji żombi, jew permezz tat-trasferiment tas-sjieda tad-dejn (eż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambji ta' dejn ma' ekwità), mingħajr ma neċessarjament titneħħa l-problema ġenerali tad-dejn jew jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħha.

(117) Essenzjalment, minkejja l-passi riċenti li ttieħdu biex is-suq jiġi liberalizzat, is-sistema tal-kreditu korporattiv fiċ-Ċina hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti bħala riżultat tar-rwol perważiv kontinwu tal-Istat fis-swieq kapitali.

(118) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li turi li s-settur tal-aċidu ċitriku, u/jew il-fornituri ta' dan is-settur ikunu eżentati mill-intervent tal-gvern imsemmi hawn fuq fis-sistema finanzjarja. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

([52]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 6, p. 120.

([53]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 6, p. 121–122, 126–128, 133–135.

([54]) Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-FMI "Resolving China' s Corporate Debt Problem" ("Riżoluzzjoni tal-Proglema tad-Dejn Korporattiv taċ-Ċina"), ta' Wojciech Maliszewski, Serkan Arslanalp, John Caparusso, José Garrido, Si Guo, Joong Shik Kang, W. Raphael Lam, T. Daniel Law, Wei Liao, Nadia Rendak, Philippe Wingender, Jiangyan, Ottubru 2016, WP/16/203.

([55]) Ir-Rapport — il-Kapitolu 6, p. 121–122, 126–128, 133–135.

3.2.1.9. In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti

(119) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport huma karatteristika għall-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq fit-taqsimiet 3.2.1.1 sa 3.2.1.5, kif ukoll fil-Parti A tar-Rapport japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess japplika għad-deskrizzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni kif stabbilit hawn fuq fit-taqsimiet 3.2.1.6 sa 3.2.1.8 u fil-Parti B tar-Rapport.

(120) Il-Kummissjoni fakkret li sabiex jiġi prodott l-aċidu ċitriku, hemm bżonn ta' firxa wiesgħa ta' inputs, inklużi l-qamħirrum, il-patata ħelwa mnixxfa, l-aċidu sulfuriku, l-aċidu idrokloriku, il-faħam eċċ. Skont l-evidenza fil-fajl, il-biċċa l-kbira tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kisbu l-inputs kollha tagħhom miċ-Ċina, u l-inputs importati jikkostitwixxu proporzjon negliġibbli tal-materja prima ta' dawk il-produtturi esportaturi li jakkwistaw xi inputs barra mill-pajjiż. Meta l-produtturi tal-aċidu ċitriku jixtru jew jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li huma rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) jiġu esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija hawn fuq. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għal distorsjonijiet. Huma jistgħu jkunu ssellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(121) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-aċidu ċitriku mhumiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolasment bażiku, iżda l-kostijiet kollha tal-input (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet A u B tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fiċ-Ċina kollha. Dan ifisser, pereżempju, li kwalunkwe input prodott fiċ-Ċina, anki jekk jikkombina diversi fatturi tal-produzzjoni, huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input, u l-bqija. F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw ebda evidenza jew argument li juri l-kuntrarju.

3.2.1.10. Konklużjoni

(122) L-analiżi stabbilita fit-Taqsimiet 3.2.1.2. sa 3.2.1.9., li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent taċ-Ċina fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali, kif ukoll fis-settur tal-aċidu ċitriku (inkluż il-prodott taħt rieżami) uriet li l-prezzijiet u l-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ.

(123) Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet biex tibni l-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu l-prezzijiet jew il-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsima li ġejja.

3.3. **Pajjiż rappreżentattiv**

(124) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet pajjiż rappreżentattiv xieraq biex jiddetermina prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni għall-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott taħt rieżami abbażi tal-kriterji li ġejjin:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qieset pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross simili għaċ-Ċina abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji;

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż;

— Id-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti f'dak il-pajjiż; u,

— F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, għandha tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiż li jkollu livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(125) Il-Kummissjoni ppubblikat żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali u dwar il-pajjiż rappreżentattiv fuq din il-bażi.

(126) Fin-Nota tal-5 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dettaljata dwar il-kriterji ta' hawn fuq u identifikat lill-Brażil, lill-Kolombja u lit-Tajlandja bħala pajjiżi rappreżentattivi potenzjali xierqa. Il-Kummissjoni identifikat ukoll il-produtturi tal-prodott taħt rieżami fil-pajjiżi rappreżentattivi xierqa potenzjali li għalihom sabet *data* finanzjarja disponibbli għall-pubbliku.

(127) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar diversi aspetti tal-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv mis-CCCMC, l-erba' produtturi esportaturi li kkooperaw u mill-industrija tal-Unjoni.

(128) Fis-sottomissjonijiet tagħhom tat-23 ta' Marzu 2020, is-CCCMC u l-erba' produtturi esportaturi Ċiniżi indikaw li l-Brażil ikun l-aħjar pajjiż rappreżentattiv. L-ewwel nett, abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji, l-introjtu nazzjonali gross ("ING") tal-Brażil huwa l-eqreb ta' dak taċ-Ċina, filwaqt li l-ING tal-Kolombja u tat-Tajlandja huwa ħafna anqas. Barra minn hekk, iż-żewġ kumpaniji fil-Brażil identifikati bħala produtturi tal-aċidu ċitriku kienu profittabbli f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, il-Brażil għandu livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali. Fl-istess ħin, is-CCCMC u l-produtturi esportaturi li kkooperaw esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għall-għażla tal-Kolombja bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq. Huma sostnew li xi *data* dwar l-importazzjoni tal-Kolombja li tikkonċerna ċerti fatturi tal-produzzjoni ma kinitx disponibbli jew rappreżentattiva. Huma argumentaw ukoll li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-Kolombja ta' xi materja prima ewlenija (jiġifieri l-aċidu sulfuriku, l-aċidu idrokloriku u l-faħam mhux maħdum) kienu sostanzjalment u mingħajr raġuni ogħla minn dawk tal-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali l-oħra u għalhekk jenħtieġ li ma jitqisux bħala prezzijiet mingħajr distorsjoni li jistgħu jintużaw biex jinbena l-valur normali tal-aċidu ċitriku.

(129) Is-CCCMC u l-produtturi esportaturi li kkooperaw sostnew ukoll li t-Tajlandja ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq peress li tnejn mit-tliet produtturi identifikati tal-aċidu ċitriku ma kinux profittabbli fl-2018 u t-tielet wieħed kien prinċipalment iffukat fuq is-swieq tal-esportazzjoni.

(130) Fis-sottomissjoni tagħhom, l-industrija tal-Unjoni qieset li l-Kolombja kienet l-aktar għażla xierqa biex jiġu ddeterminati l-kostijiet mingħajr distorsjoni. Huma saħqu li d-*data* finanzjarja tal-kumpaniji fit-Tajlandja ma ġietx awditjata, li naqqas bil-kbir il-valur tagħha f'termini ta' affidabbiltà. Barra minn hekk, huma sostnew li tnejn mit-tliet produtturi identifikati fit-Tajlandja kienu fil-biċċa l-kbira proprjetà ta' kumpaniji Ċiniżi jew tal-Istat Ċiniż u li kienu orjentati lejn l-esportazzjoni. Fir-rigward tal-Brażil, l-industrija tal-Unjoni argumentat li ż-żewġ kumpaniji Brażiljani kienu jappartjenu għal gruppi u l-influwenza tal-grupp fuq id-*data* finanzjarja dehret diffiċli biex tiġi vvalutata, u dawn il-kumpaniji kienu jbigħu wkoll firxa varjata ta' prodotti.

(131) Wara li analizzat fid-dettall l-argumenti ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ppubblikat it-tieni Nota fit-30 ta' Novembru 2020 li tindirizza dawn il-kummenti kollha abbażi tal-kriterji elenkati hawn fuq filwaqt li tinforma lill-partijiet interessati dwar il-konklużjonijiet preliminari tagħha. F'din in-Nota, il-Kummissjoni ddikjarat li kellha l-ħsieb li tuża lill-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq jekk l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tiġi kkonfermata. Il-Kummissjoni indikat ukoll li għall-kalkolu tal-valur normali tista' tuża wkoll prezzijiet, kostijiet jew valuri referenzjarji internazzjonali xierqa mingħajr distorsjoni, u għall-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti mingħajr distorsjoni tista' tqis l-alternattivi xierqa kollha disponibbli skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, peress li l-unika kumpanija Kolombjana li tipproduċi l-prodott taħt rieżami kellha profittabbiltà baxxa fl-2018 u kienet qed tagħmel it-telf fl-2017 — simili għas-sitwazzjoni għall-produtturi fit-Tajlandja u fil-Brażil, il-Kummissjoni tqis *data* aktar riċenti jekk tkun disponibbli u jekk turi livell raġonevoli ta' SG&A u profittabbiltà. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw.

(132) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand is-CCCMC u mingħand il-produtturi tal-Unjoni rigward in-Nota tat-30 ta' Novembru 2020.

(133) Fis-sottomissjoni tagħha tad-9 ta' Diċembru 2020, is-CCCMC iddikjarat li l-Kolombja ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq, u minflok il-Brażil jenħtieġ li jintgħażel bħala l-pajjiż xieraq. Hija argumentat li l-prezzijiet aktar baxxi tal-importazzjoni tal-qamħirrum fil-Brażil kienu minħabba l-vantaġġi tad-distanzi tat-trasport u tal-kwantità minflok xi distorsjoni. Huma argumentaw ukoll li jekk il-prezzijiet tal-importazzjoni Brażiljani ma jkunux jistgħu jintużaw, jenħtieġ li jintużaw prezzijiet internazzjonali minflok ma l-Brażil jiġi eskluż kompletament mill-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv. Is-CCCMC iddikjarat ukoll li l-Kolombja ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq peress li l-produttur identifikat kellu kostijiet operatorji mhux raġonevoli.

(134) L-Industrija tal-Unjoni sostniet li l-Kolombja kienet l-aktar pajjiż rappreżentattiv xieraq. Minħabba li l-kumpanija Kolombjana li tipproduċi l-prodott taħt rieżami kienet qed tagħmel telf jew kellha profittabbiltà baxxa fl-2018 u anke fl-2019, u li għaliha d-*data* saret disponibbli fil-frattemp, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni identifika għadd ta' kumpaniji li jipproduċu prodott simili għall-prodott taħt rieżami. B'mod partikolari, il-produttur tal-Unjoni ffoka fuq il-kumpaniji li jimmanifatturaw ingredjenti għall-industrija tax-xorb, tat-tindif, tal-ikel, tas-saħħa u dik farmaċewtika fil-Kolombja li d-*data* finanzjarja tagħhom uriet livell raġonevoli ta' SG&A u profitti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

(135) Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-argumenti kollha mqajma mill-partijiet kollha. Fir-rigward tat-Tajlandja, il-Kummissjoni qablet mas-CCCMC u mal-produttur tal-Unjoni li mhijiex pajjiż rappreżentattiv xieraq peress li l-produtturi tal-prodott taħt rieżami qed jagħmlu telf, u/jew huma sussidjarji ta' kumpaniji Ċiniżi, flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti fatturi ta' produzzjoni. Barra minn hekk, il-kumpaniji li jimmanifatturaw il-prodott taħt rieżami ma wrewx livell raġonevoli ta' SG&A u ta' profitti. Għalhekk, it-Tajlandja ġiet miċħuda.

(136) Il-Kummissjoni għalhekk iffukat l-analiżi tagħha fuq il-Brażil u l-Kolombja. Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat jekk kienx hemm restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni jew distorsjonijiet oħra li jikkonċernaw il-fatturi ewlenin tal-produzzjoni. Il-fattur ewlieni ta' produzzjoni tal-prodott taħt rieżami huwa l-qamħirrum, li jammonta għal aktar minn 70 % tal-kost totali tal-materjali tal-input għall-produtturi esportaturi. Il-Kummissjoni nnutat li l-kwantità ta' importazzjonijiet ta' qamħirrum fil-Brażil kienet tammonta biss għal 1,5 miljun tunnellata, meta mqabbla mal-produzzjoni domestika tal-qamħirrum Brażiljan ta' aktar minn 100 miljun tunnellata ([56]). Is-CCCMC ikkontestat il-fatt li dawn il-kwantitajiet ta' importazzjoni ta' qamħirrum fil-Brażil huma baxxi. Madankollu, meta mqabbla mad-daqs tal-produzzjoni Brażiljana, dawn il-kwantitajiet ta' importazzjoni jammontaw biss għal 1,5 % tal-produzzjoni. Minħabba din il-kwantità ta' importazzjoni limitata ħafna meta mqabbla mal-produzzjoni domestika kbira, il-Kummissjoni vverifikat ukoll il-prezzijiet tal-importazzjoni fil-Brażil u nnutat li dawn kienu differenti b'mod sinifikanti mill-prezzijiet internazzjonali tal-qamħirrum. Fil-kummenti tagħha għan-Nota tat-30 ta' Novembru, is-CCCMC ikkontestat li l-prezzijiet kienu jvarjaw b'mod sinifikanti u talbet informazzjoni addizzjonali dwar it-tqabbil tal-prezzijiet. Il-prezz medju internazzjonali tal-qamħirrum tal-2019 imsemmi mill-Kummissjoni fin-Nota tat-30 ta' Novembru kien jammonta għal EUR 151/tunnellata fuq bażi FOB skont l-IndexMundi ([57]), filwaqt li l-prezz medju tal-importazzjoni GTA tal-qamħirrum fil-Brażil kien jammonta għal EUR 116/tunnellata biss fuq bażi FOB. Din iċ-ċifra turi b'mod ċar li l-prezzijiet tal-importazzjoni fil-Brażil kienu ferm aktar baxxi mill-indiċi tal-prezzijiet internazzjonali.

(137) Barra minn hekk, is-CCCMC argumentat li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-qamħirrum kienu aktar baxxi fil-Brażil milli fil-Kolombja minħabba kostijiet tat-trasport aktar baxxi peress li l-importazzjonijiet fil-Brażil prinċipalment magħmula minn pajjiżi ġirien bħall-Arġentina u l-Paragwaj, filwaqt li l-Kolombja timporta l-qamħirrum primarjament mill-Istati Uniti u mill-Arġentina. Din l-allegazzjoni ma kinitx sostanzjata, peress li s-CCCMC ma wrietx l-oriġini u l-port tad-dħul attwali fil-pajjiżi rispettivi, u lanqas ma wriet l-inċidenza tal-kostijiet tat-trasport tal-qamħirrum fil-pajjiżi rispettivi. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(138) Is-CCCMC issottomettiet ukoll li l-produtturi Ċiniżi jixtru kwantità kbira tal-qamħirrum tagħhom domestikament. Għalhekk, hija sostniet li l-prezz tal-importazzjoni tal-Brażil jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni tax-xiri tal-qamħirrum mill-produtturi Ċiniżi. Il-Kummissjoni nnutat li dan l-argument ma għandu l-ebda rilevanza għall-fatt li l-kwantitajiet tal-importazzjoni fil-Brażil huma oġġettivament baxxi meta mqabbla mad-daqs tal-produzzjoni

([56]) https://www.indexmundi.com/agriculture/?commodity=corn
([57]) https://www.indexmundi.com/commodities/?commodity=corn&months=60&currency=eur

domestika, u b'hekk idgħajjef ir-rappreżentattività tal-prezz tal-importazzjoni tal-qamħirrum fil-Brażil. Dan l-argument lanqas ma jnaqqas mill-importanza tal-konklużjoni li l-prezzijiet tal-importazzjoni fil-Brażil ivarjaw b'mod sinifikanti mill-prezzijiet internazzjonali tal-qamħirrum, li probabbilment huwa minħabba l-livell baxx ta' importazzjonijiet u d-daqs sinifikanti tal-produzzjoni domestika. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(139) Barra minn hekk, is-CCCMC argumentat li, anke jekk il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-qamħirrum fil-Brażil ma setgħux jintużaw minħabba li ma kinux rappreżentattivi, *quod non*, il-Brażil xorta jenħtieġ li jintgħażel bħala l-pajjiż rappreżentattiv, u jenħtieġ li jiġi applikat prezz internazzjonali xieraq mingħajr distorsjoni għall-qamħirrum minflok il-prezzijiet tal-importazzjoni fil-Brażil.

(140) B'rispons, il-Kummissjoni nnotat li, kif spjegat aktar f'din it-taqsima, hija qieset lill-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'din l-investigazzjoni abbażi tal-elementi rilevanti elenkati fir-Regolament bażiku, inkluża d-disponibbiltà ta' *data* finanzjarja aktar xierqa għall-produtturi ta' prodotti simili għall-aċidu ċitriku meta mqabbla mal-Brażil. Fir-rigward tal-kwantitajiet u tal-prezzijiet tal-importazzjoni Kolombjani tal-qamħirrum, skont l-IndexMundi, il-produzzjoni domestika totali tal-qamħirrum fil-Kolombja tammonta għal 1,5 miljun tunnellata filwaqt li, skont id-*data* tal-GTA, l-importazzjonijiet tal-qamħirrum huma madwar 5,5 miljun tunnellata, u b'hekk jammontaw għal 365 % tal-produzzjoni. Dan it-tqabbil juri li l-kwantitajiet tal-importazzjoni fil-Kolombja jidhru li huma rappreżentattivi filwaqt li jitqies id-daqs tal-produzzjoni domestika, għall-kuntrarju tal-Brażil. Fir-rigward tal-prezzijiet tal-qamħirrum, il-prezz medju tal-importazzjoni tal-qamħirrum tal-GTA fil-Kolombja għall-2019 kien ta' EUR 174/tunnellata fuq bażi CIF, ħafna eqreb lejn il-prezz medju internazzjonali tal-qamħirrum ta' EUR 151/tunnellata fuq bażi FOB, u konformi miegħu, meta jitqies li l-prezz internazzjonali tal-importazzjoni fuq bażi CIF ikun ogħla. Billi l-Kolombja hija kkunsidrata pajjiż rappreżentattiv xieraq f'aspetti oħra, kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt; il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-qamħirrum fil-Kolombja huma fil-biċċa l-kbira konformi mal-prezzijiet internazzjonali tal-qamħirrum; u ma hemm l-ebda evidenza ta' xi distorsjoni li taffettwa l-prezzijiet tal-qamħirrum fil-Kolombja; ma hemm l-ebda raġuni biex il-Brażil jintgħażel bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq u biex jintuża punt ta' riferiment internazzjonali minflok il-prezzijiet tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq kif preskritt mill-Artikolu 2(6a)(a), it-2 subparagrafu, l-ewwel sing.

(141) Fir-rigward tal-fatturi tal-produzzjoni li jifdal, jeżistu restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti fatturi tal-produzzjoni fil-Brażil (rekwiżit ta' liċenzjar tal-esportazzjoni għall-ġir) u fit-Tajlandja (rekwiżit ta' liċenzjar tal-esportazzjoni għall-ġipsum), filwaqt li ma jeżisti l-ebda wieħed fil-Kolombja, kif ikkonfermat mil-Lista rilevanti tal-OECD ([58]). Filwaqt li dawn il-fatturi għandhom piż ħafna aktar limitat fil-kost tal-produzzjoni ta' ċerti produtturi esportaturi u ma kinux japplikaw għall-produtturi esportaturi kollha, dan kien element rilevanti ieħor fl-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(142) Għall-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq, il-Kummissjoni eżaminat ukoll id-disponibbiltà tad-*data* finanzjarja pubblika għall-produtturi tal-prodott taħt rieżami fit-Tajlandja, fil-Brażil u fil-Kolombja f'konformità mar-Regolament bażiku.

(143) Peress li t-Tajlandja ma tqisitx pajjiż rappreżentattiv xieraq kif spjegat fil-premessa (117), il-Kummissjoni ffukat l-analiżi komparattiva tagħha fuq il-Brażil u l-Kolombja.

(144) Fir-rigward tal-Brażil u l-Kolombja, il-Kummissjoni indikat fin-Nota tal-5 ta' Marzu l-kumpaniji li jipproduċu l-aċidu ċitriku f'dawk il-pajjiżi. F'dak iż-żmien, ma kien hemm l-ebda produttur bi profitti raġonevoli la fil-Brażil u lanqas fil-Kolombja għall-2018.

(145) Fin-Nota tat-30 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni ddikjarat li l-kumpanija Kolombjana Sucroal SA, li għaliha d-*data* dwar l-SG&A u l-profitti kienet disponibbli pubblikament, kienet kumpanija rappreżentattiva xierqa peress li tipproduċi l-prodott taħt rieżami u firxa ta' prodotti l-aktar simili għall-aċidu ċitriku. Fl-istess ħin, Sucroal SA wriet livell baxx ta' profittabbiltà fl-2018 u fl-2017 kienet qed tagħmel it-telf.

(146) Is-sitwazzjoni kienet simili fil-Brażil, fejn il-kumpanija Brażiljana li għaliha kienet disponibbli pubblikament *data* finanzjarja, konglomerat kbir li jipproduċi firxa usa' ta' prodotti inkluż l-aċidu ċitriku, uriet profittabbiltà baxxa

([58]) https://qdd.oecd.org/subject.aspx?Subject=ExportRestrictions_IndustrialRawMaterials

għall-2018. Fin-Nota tat-30 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni indikat li jekk *data* aktar riċenti għas-sena 2019 issir disponibbli, il-Kummissjoni tista' tuża din id-*data* jekk turi livell raġonevoli ta' SG&A u profittabbiltà, jew jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni tikkunsidra l-alternattivi xierqa kollha disponibbli.

(147) Wara l-pubblikazzjoni ta' din in-Nota tat-30 ta' Novembru 2020, id-*data* tal-2019 għal Sucroal SA saret disponibbli f'Orbis. Peress li fl-2019 Sucroal SA ġarrbet telf, id-*data* finanzjarja għal din il-kumpanija ma setgħetx titqies xierqa biex jiġi stabbilit livell mingħajr distorsjoni ta' SG&A u profitti.

(148) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset alternattivi xierqa. B'mod partikolari, f'sitwazzjonijiet fejn l-ebda produttur tal-prodott taħt rieżami f'pajjiż rappreżentattiv potenzjali ma juri livell raġonevoli ta' SG&A u profitti, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra produtturi ta' prodott fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur tal-prodott taħt rieżami b'*data* finanzjarja disponibbli pubblikament li turi livell raġonevoli ta' SG&A u profitti.

(149) Is-CCCMC sostniet li peress li Sucroal SA ġarrbet telf għas-sena 2019, il-Kolombja jenħtieġ li ma titqiesx bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq u minflok jenħtieġ li jintuża l-Brażil. Is-CCCMC innutat li l-produttur identifikat Cargill Agricola reġa' beda jagħmel profitt fl-2019 u għalhekk l-SG&A u l-profitt tiegħu kienu xierqa għall-ħtiġijiet tal-investigazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni nnutat li l-profitt ta' Cargill Agricola kien jammonta għal anqas minn wieħed fil-mija tal-fatturat tiegħu fl-2019, u għalhekk kien saħansitra anqas mill-profitt tiegħu fl-2018. Dan il-livell baxx ta' profitt kien f'livell simili għal dak ta' Sucroal SA fl-istess sena u ma kienx meqjus raġonevoli. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(150) Fiż-żewġ settijiet ta' kummenti tagħha, l-industrija tal-Unjoni ssuġġeriet li għandha tintuża d-*data* minn kumpaniji fl-istess pajjiż, li jimmanifatturaw l-istess kategorija ta' prodotti jew li jagħmlu parti mill-istess settur tal-manifattura bħall-prodott taħt rieżami. Il-kategorija ta' manifatturi tal-ingredjenti għall-industrija tax-xorb, tat-tindif, tal-ikel, tas-saħħa u tal-farmaċewtika fil-Kolombja ġiet issuġġerita flimkien ma' lista ta' ħdax-il kumpanija fl-istess settur.

(151) Fid-dawl tal-fatti kollha tal-investigazzjoni u l-kummenti rċevuti, il-Kummissjoni fittxet il-kodiċi NAICS 325998 (Il-Manifattura tal-Prodotti Kimiċi u tal-Preparazzjonijiet Mixxellanji l-Oħra Kollha) fil-bażi tad-*data* Orbis. Dan huwa l-istess kodiċi użat kemm minn Cargill Agricola SA kif ukoll minn Sucroal SA. Bħala riżultat ta' din it-tfittxija, kien hemm għadd ferm ogħla ta' kumpaniji li juru livell raġonevoli ta' profitti fil-Kolombja meta mqabbla mal-Brażil, li juri li d-disponibbiltà tad-*data* finanzjarja pubblika kienet ukoll rappreżentattiva u affidabbli fil-Kolombja. Barra minn hekk, sabiex jiġi limitat ir-riżultat ta' din it-tfittxija għal dawk il-kumpaniji li jipproduċu prodott simili għall-aċidu ċitriku, il-Kummissjoni analizzat fid-dettall l-attività u l-produzzjoni tal-kumpaniji Kolombjani profittabbli kollha. Permezz tad-deskrizzjoni tal-attività kummerċjali tagħhom disponibbli f'Orbis, il-Kummissjoni finalment identifikat seba' kumpaniji fil-Kolombja li jipproduċu prodotti f'kategorija simili ta' prodotti għall-aċidu ċitriku. L-SG&A u l-profitt ta' dawk il-kumpaniji tqiesu affidabbli. B'paragun ma' dan, il-Kummissjoni nnutat li fil-Brażil ma kien hemm l-ebda kumpanija fl-istess qasam ta' attività bid-*data* finanzjarja tal-2019 disponibbli għall-pubbliku f'Orbis.

(152) Il-kumpaniji Kolombjani identifikati mill-Kummissjoni b'dan il-mod kienu jaqblu mal-kumpaniji identifikati mill-industrija tal-Unjoni bħala kumpaniji xierqa fl-istess kategorija u/jew settur ġenerali tal-prodott taħt rieżami. Minbarra dawk is-seba' kumpaniji, l-industrija tal-Unjoni ssuġġeriet erba' kumpaniji oħra fil-Kolombja, li madankollu d-*data* finanzjarja jew id-deskrizzjoni tal-attività għalihom ma kinitx faċilment disponibbli f'Orbis. Għalhekk, dawk il-kumpaniji ma ġewx meqjusa għall-istabbiliment tal-SG&A u tal-profitt.

(153) Abbażi tal-elementi kollha ta' hawn fuq, u b'mod partikolari d-*data* finanzjarja disponibbli u r-rappreżentattività tal-prezz tal-importazzjoni għall-qamħirrum li jirrappreżenta l-fattur ewlieni ta' produzzjoni, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-Kolombja kienet il-pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-kalkolu tal-valur normali f'din l-investigazzjoni.

(154) Wara d-divulgazzjoni, is-CCCMC u tliet produtturi esportaturi li kkooperaw iddubitaw l-għażla tal-Kummissjoni tal-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq. Huma tennew il-pretensjoni msemmija hawn fuq li l-għażla tal-Kolombja ma kinitx raġonevoli minħabba l-fatt li l-uniku produttur tal-aċidu ċitriku Kolombjan ma kienx profittabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami filwaqt li produttur Brażiljan kien. Huma tennew ukoll

il-pretensjoni msemmija hawn fuq li l-prezzijiet tal-qamħirrum fil-Brażil ma kinux distorti. Minħabba li dawn il-pretensjonijiet kienu diġà ġew indirizzati fil-premessi (136) u (149) ta' dan ir-Regolament u peress li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza ġdida f'dan ir-rigward, il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(155) Il-partijiet imsemmija hawn fuq sostnew ukoll li l-Kummissjoni użat *data* dwar l-SG&A u dwar il-profittabbiltà minn kumpaniji Kolombjani f'setturi oħra ta' prodotti mingħajr ma tat prova li dawn il-kumpaniji għandhom l-istess livell ta' SG&A u profitt bħall-produtturi tal-aċidu ċitriku.

(156) F'konformità mal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għandu jinbena fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni meta tiġi kkonfermata l-preżenza ta' distorsjonijiet sinifikanti. Il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitti. Minħabba li l-SG&A u l-profitt tal-kumpanija Kolombjana Sucroal SA ma setgħux jintużaw għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (145) u (147), il-Kummissjoni użat *data* għall-eqreb settur inkluż il-prodott investigat, fejn l-elementi tal-kostijiet imsemmija qabel tqiesu bħala mhux distorti u raġonevoli. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza biex tiġi kkontestata din il-konklużjoni, u b'mod partikolari li l-livell ta' SG&A u l-profitti tal-kumpaniji Kolombjani fl-eqreb settur għall-aċidu ċitriku ma kinux raġonevoli skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(157) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li, għall-kuntrarju tal-industrija tal-Unjoni, is-CCCMC u l-produtturi esportaturi li kkooperaw ma pprovdewx jew ma ssuġġerewx lista ta' manifatturi fl-istess pajjiż rappreżentattiv potenzjali, li jimmanifatturaw l-istess kategorija jew kategorija simili ta' prodotti jew li huma fl-istess settur tal-manifattura jew f'settur simili bħall-prodott li qed jiġi rieżaminat, li l-Kummissjoni tista' tuża d-*data* finanzjarja tagħhom.

(158) Għalhekk, u għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (151), il-Kummissjoni qieset id-*data* finanzjarja mis-seba' kumpaniji li identifikat fil-Kolombja li jipproduċu prodotti f'kategorija ta' prodotti qrib tal-aċidu ċitriku bħala indikatur raġonevoli għal SG&A mingħajr distorsjoni u l-profitt li għandu jintuża fil-kostruzzjoni tal-valur normali fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-pretensjoni tas-CCCMC u tat-tliet produtturi esportaturi li kkooperaw ma ntlaqgħetx.

3.4. **Is-sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni**

(159) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-partijiet interessati u ta' informazzjoni rilevanti oħra disponibbli fil-fajl, il-Kummissjoni stabbiliet lista ta' fatturi ta' produzzjoni u sorsi bħal materjali, enerġija u manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-produtturi esportaturi.

(160) Il-Kummissjoni identifikat ukoll is-sorsi li għandhom jintużaw sabiex jinbena l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku (GTA, l-istatistika nazzjonali, eċċ.). Fl-istess nota, il-Kummissjoni identifikat il-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (SA) ta' fatturi ta' produzzjoni li, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati, inizjalment kienu meqjusa li ntużaw għall-analiżi tal-GTA.

(161) Fin-Nota tat-30 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni kkonfermat li kienet se tuża *data* tal-GTA biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-fatturi ta' produzzjoni, inkluża l-materja prima.

3.5. **Is-sorsi użati għall-kostijiet tal-elettriku, tal-ilma u lavorattivi**

3.5.1. *Elettriku*

(162) Għall-elettriku, il-Kummissjoni użat il-formola tal-prezz faċilment disponibbli ta' Enel, il-fornitur ewlieni tal-elettriku fil-Kolombja. Dan is-sors jipprovdi prezz medju uniku tal-elettriku fix-xahar.

3.5.2. *Ilma*

(163) It-tariffa tal-ilma kienet faċilment disponibbli mill-kumpanija Acueducto, li hija responsabbli għall-provvista tal-ilma, għall-ġbir tad-dranaġġ u għat-trattament tiegħu f'Bogota. L-informazzjoni ppermettiet l-identifikazzjoni tat-tariffi applikabbli għall-utenti industrijali fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.5.3. *Manodopera*

(164) Il-Kummissjoni użat l-istatistika tal-ILO biex tiddetermina l-pagi fil-Kolombja ([59]). Dawn jipprovdu informazzjoni dwar il-pagi ta' kull xahar tal-impjegati fis-settur tal-manifattura u s-sigħat medji ta' kull ġimgħa li nħadmu fil-Kolombja fl-2019.

(165) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar is-sorsi użati biex stabbiliet il-kost mingħajr distorsjoni tal-elettriku, l-ilma u l-manodopera u għalhekk użat dawk is-sorsi biex tistabbilixxi l-valur normali.

3.6. **Sorsi użati għall-SG&A u għall-profitt**

(166) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali mibni jenħtieġ li jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitti. Barra minn hekk, kellu jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex jiġu koperti l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni.

(167) Sabiex jiġi stabbilit valur mingħajr distorsjoni tal-SG&A u tal-profitti, il-Kummissjoni użat il-proporzjon tal-kost tal-manifattura li l-SG&A u l-profitti jirrappreżentaw fil-kumpaniji rappreżentattivi fil-Kolombja kif spjegat fit-Taqsima 3.3.

(168) Il-valuri li jirriżultaw, espressi bħala perċentwal tad-dħul ammontaw għal 14,2 % għall-profitt u 17 % għall-SG&A.

3.7. **Materja prima**

(169) Għall-materja prima u l-materjali awżiljarji kollha, il-Kummissjoni ddependiet mill-prezzijiet tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv. Il-prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha għajr iċ-Ċina. Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-pajjiż rappreżentattiv minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx ukoll il-prodotti intiżi għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw dawn il-prezzijiet. Bl-istess mod, l-importazzjonijiet fil-pajjiż rappreżentattiv minn membri mhux tad-WTO elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([60]) ġew eskluż wkoll.

(170) Sabiex tistabbilixxi l-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima, kif previst fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni applikat id-dazji fuq l-importazzjoni rilevanti tal-pajjiż rappreżentattiv. Fi stadju aktar tard, matul il-kalkoli tal-marġni tad-dumping individwali, il-Kummissjoni żiedet il-kostijiet tat-trasport domestiku speċifiċi għall-kumpanija mal-prezz tal-importazzjoni. Il-kostijiet tat-trasport domestiku għall-materja prima kollha ġew ibbażati fuq id-*data* vverifikata pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw.

(171) Għall-materja prima b'impatt negliġibbli f'termini ta' kostijiet, li l-kumpaniji ma rrapportawx fl-Anness III tan-Notifika ta' Bidu, tali kostijiet ġew inklużi fil-kostijiet ġenerali tal-manifattura kif spjegat fit-taqsima 3.8. Il-fatturi tal-produzzjoni espressi bħala kostijiet ġenerali huma elenkati fid-divulgazzjonijiet speċifiċi għall-kumpanija.

([59]) https://www.ilo.org/ilostat/faces/oracle/webcenter/portalapp/pagehierarchy/Page21.jspx?_afrLoop=2007202804813928&_afrWindowMode=0&_afrWindowId=ejmgka3iz_63#!%40%40%3F_afrWindowId%3Dejmgka3iz_63%26_afrLoop%3D2007202804813928%26_afrWindowMode%3D0%26_adf.ctrl-state%3Dejmgka3iz_119

([60]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33. L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku qies li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali u, fi kwalunkwe każ, din id-*data* dwar l-importazzjoni kienet negliġibbli.

(172) Fil-kummenti tagħha tas-16 ta' Marzu 2020, l-industrija tal-Unjoni nnutat li għal xi materja prima, jew ma kien hemm l-ebda valur medju tal-importazzjoni jew li l-valuri medji kienu jikkonċernaw kwantitajiet żgħar u għalhekk ma kinux affidabbli jew li kienu jeżistu raġunijiet oħra li wasslu għal dubji dwar l-affidabbiltà tagħhom. Huma ssuġġerew li f'dawn il-każijiet jenħtieġ li jintużaw il-valuri mill-istatistika għar-reġjun jew kif ippubblikati minn stħarriġiet tas-suq minn fornituri bħal ArgusMedia, AgroChart jew IntraTec.

(173) Fil-kummenti tagħha tal-11 ta' Diċembru 2020, l-industrija tal-Unjoni tenniet li fil-każ tal-Kolombja, il-kostijiet għaċ-ċifri tal-produzzjoni jistgħu jiġu ddeterminati bid-*data* għall-importazzjonijiet u d-*data* pubblika disponibbli għall-prezzijiet tal-elettriku, tal-ilma u d-*data* pubblika dwar il-kostijiet lavorattivi. Huma saħqu li wħud mill-valuri medji tal-importazzjoni għal fatturi ta' kost anqas importanti dehru li huma għoljin u ssuġġerew li dawn jiġu sostitwiti b'*data* minn fornituri ta' servizzi tad-*data* speċjalizzati.

(174) Fis-sottomissjoni tagħha tat-23 ta' Marzu 2020, is-CCCMC ikkummentat li wħud mill-prezzijiet tal-importazzjoni għal ċerti materjali ewlenin bħall-faħam, l-aċidu sulfuriku u l-aċidu idrokloriku fil-Kolombja kienu għoljin b'mod anormali u għalhekk ma kinux rappreżentattivi. Huma sostnew ukoll li kien hemm differenzi kbar bejn il-prezzijiet tal-importazzjoni żvelati tal-Kolombja, tat-Tajlandja u tal-Brażil u li l-prezzijiet tal-importazzjoni varjaw b'mod sinifikanti anke għall-istess materjal importat mill-istess pajjiż, li jista' jkun minħabba differenzi fil-kwalità fl-istess kodiċi HS. Is-CCCMC talbet lill-Kummissjoni tidentifika r-raġuni għal dawn id-differenzi u biex tindirizzahom. Il-Kummissjoni qieset dan l-argument u, fejn iġġustifikat, issostitwiet il-prezzijiet tal-importazzjoni mhux rappreżentattivi biżżejjed minn sorsi affidabbli kif spjegat fit-Tabella A ta' hawn taħt.

(175) Is-CCCMC argumentat ukoll li peress li parti mill-materja prima użata għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami tinxtara domestikament fiċ-Ċina, mhuwiex raġonevoli li sempliċement jintużaw il-prezzijiet tal-importazzjoni ta' pajjiż terz speċifiku, peress li dawn il-prezzijiet tal-aħħar aktarx jinkludu kostijiet ogħla tat-trasport marittimu/tal-konsenja minn dawk ta' materja prima mixtrija domestikament. Dan huwa speċjalment il-każ għal sustanzi kimiċi perikolużi bħall-aċidu sulfuriku u l-aċidu idrokloriku li għalihom jintużaw vetturi speċjali għall-konsenja. Għalhekk, is-CCCMC qieset li jridu jsiru aġġustamenti xierqa biex jiġi żgurat tqabbil ġust.

(176) Fir-rigward ta' dan l-argument, il-Kummissjoni nnotat li, għar-raġunijiet stabbiliti fit-taqsima 3.2.1 ta' hawn fuq, hija tapplika l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fir-rieżami ta' skadenza attwali. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tfittex kostijiet mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq biex tiżgura li l-kost applikat ma jiġix affettwat minn distorsjonijiet u jkun ibbażat fuq *data* disponibbli faċilment. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni ta' distorsjonijiet possibbli fis-suq tal-pajjiż rappreżentattiv fir-rigward ta' dawk is-sustanzi kimiċi perikolużi u fl-assenza ta' *data* pprovduta mis-CCCMC biex tissostanzja l-pretensjoni tagħha dwar il-kostijiet għoljin tat-trasport, il-valuri tal-importazzjoni tal-pajjiż rappreżentattiv jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament baziku u li jipprovdu stima raġonevoli tal-prezz fil-pajjiż rappreżentattiv inklużi l-kostijiet tat-trasport. Barra minn hekk, billi l-inputs importati jikkompetu fis-suq domestiku tal-pajjiż rappreżentattiv f'termini ta' prezzijiet, il-Kummissjoni qisithom bħala indikatur affidabbli.

(177) Għalhekk, il-Kummissjoni użat il-prezzijiet tal-importazzjoni GTA fil-Kolombja. Meta dawn il-prezzijiet ma kinux rappreżentattivi jew inkella ma kinux affidabbli, intalbu valuri referenzjarji internazzjonali. Meta dawn ma kinux disponibbli, intużaw prezzijiet affidabbli minn sorsi oħra, kif spjegat fit-Tabella A ta' hawn taħt.

(178) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura matul il-kontroverifiki mill-bogħod, ġew identifikati l-fatturi ta' produzzjoni u l-kodiċijiet tariffarji li ġejjin użati fil-Brażil, fil-Kolombja jew fit-Tajlandja, fejn applikabbli:

Tabella A

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tat-Tariffi	Sors tad-*data* dwar l-importazzjoni li l-Kummissjoni beħsiebha tuża	Unità ta' kejl
Materja prima/Prodotti konsumabbli			
Qamħirrum	1005 90 11 00	GTA Kolombja ([61])	KG
Patata ħelwa mnixxfa	0714 20 90 00	GTA Kolombja	KG

([61]) Disponibbli fuq: http://www.gtis.com/gta/

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tat-Tariffi	Sors tad-*data* dwar l-importazzjoni li l-Kummissjoni beħsiebha tuża	Unità ta' kejl
Klorur tas-sodju/melħ li jittiekel	2501 00 91 00/ 2501 00 10 00, 2501 00 20 00, 2501 00 92 00, 2501 00 99 00	GTA Kolombja	KG
Aċidu sulfuriku	2807 00 10	GTA Brażil	KG
Kubrit/kubrit likwidu	2503 00 00 00	GTA Kolombja	KG
Aċidu idrokloriku	2806 10 20	GTA Brażil	KG
Karbonju attivat	3802 10 00 00	GTA Kolombja	KG
Trab tal-franka/dqiq	2521 00 00	GTA Brażil	KG
Aġent kontra r-Ragħwa	3402 20 00 00/ 3402 90 90 00	GTA Kolombja	KG
Dijatomit	2512 00 00 00/ 3802 90 10 00	GTA Kolombja	KG
Perlit	2530 10 00 00	GTA Kolombja	KG
Amilażi (Glukoamilażi)/Enzima sakkarifikanti	3507 90 90 00	GTA Kolombja	KG
Kalċju	2805 12 00	GTA Brażil	KG
Soda kawstika (Idrossidu tas-sodju)	2815 11 00 00/ 2815 12 00 00	GTA Kolombja	KG
Alkali likwidi	2815 12 00 00	GTA Kolombja	KG
Perossidu tal-idroġenu	2847 00 00 00	GTA Kolombja	KG
Dqiq (qamħ jew taħlita ta' ċereali)	1101 00 00 00	GTA Kolombja	KG
Dqiq tal-injam	4405 00 00 00	GTA Kolombja	M^3
Ossidu tal-kalċju	2825 90 40 00	GTA Kolombja	KG
Ġir verġni	2522 10 00 00	GTA Kolombja	KG
Nuħħala mill-qamħ	2302 10 00 00	GTA Kolombja	KG
Likur konċentrat tal-qamħirrum	1901 90 10 00	GTA Kolombja	KG
Karbonat tal-kalċju/Kalċit	2836 50 00 00	GTA Kolombja	KG
Tafal attivat	3802 90 10 00	GTA Kolombja	KG
Għajnuna għall-iffiltrar (perlite)	2530 10 00 00	GTA Kolombja	KG
Diaċetat tas-sodju	2915 29 20 00	GTA Kolombja	KG
Aċidu ċitriku	2918 14 00 00	GTA Kolombja	KG
Ċitrat tas-sodju	2918 15 30 00	GTA Kolombja	KG
Inibitur tal-korrużjoni u tal-iskala	2921 59	GTA Brażil	KG
Faħam mhux maħdum/Ħama	2701 19 00	GTA Brażil	KG
Diżil	2710 19 21 00	GTA Kolombja	M^3
Imballaġġ — Borża b'rita	3923 29 90 00	GTA Kolombja	Biċċa
Imballaġġ — Trej artab	3923 90 00 00	GTA Kolombja	Biċċa
Imballaġġ — Palit	4421 99 90 00	GTA Kolombja	Biċċa

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tat-Tariffi	Sors tad-*data* dwar l-importazzjoni li l-Kummissjoni beħsiebha tuża	Unità ta' kejl
Imballaġġ — Kaxxa tal-karti	4819 20 00 00	GTA Kolombja	Biċċa
Imballaġġ — Borża tal-karti	4819 30 10 00	GTA Kolombja	Biċċa
Imballaġġ — Borża tal-karti	4819 40 00 00	GTA Kolombja	Biċċa
Imballaġġ — Borża minsuġa	6305 33 10 00	GTA Kolombja	Biċċa
Imballaġġ — Borża b'rita tqila	3920 10 00 00	GTA Kolombja	Biċċa
Prodott sekondarju/skart			
Gass	2705 00 00 00	GTA Kolombja	KG
Ruttam tal-proteini għoljin/Residwu tal-lamtu tal-qamħirrum	2303 10 00 00	GTA Kolombja	KG
Għalf tal-qamħirrum	2303 30 00 00	GTA Kolombja	KG
Sulfat tal-kalċju	2833 29 90 00	GTA Kolombja	KG
Prodotti residwi oħra tal-industriji kimiċi (Ħama granulari)	3825 90 00	GTA Brażil	KG
Żejt tan-nibbieta tal-qamħirrum/Żejt tal-qamħirrum	1518 00 90 00/ 1515 29 00 00	GTA Kolombja	KG
Frak tal-qamħirrum/Residwu tal-lamtu tal-qamħirrum	2303 10 00 00	GTA Kolombja	KG
Dqiq tal-glutina tal-qamħ	1109 00 00 00	GTA Kolombja	KG
Miċelju (preparazzjoni tal-għalf tal-annimali)	2309 90 90 00	GTA Kolombja	KG
Nibbieta taċ-ċereali	1104 30 00 00	GTA Kolombja	KG
Trab tal-ġebel tal-kalċit	2836 50 00 00	GTA Kolombja	KG
Ġibsum	2520 10 00 00	GTA Kolombja	KG
Irmied, gagazza	2621 90 00 00	GTA Kolombja	KG
Residwu tal-estrazzjoni taż-żejt tan-nibbieta tal-qamħirrum	2306 90 10/90	GTA Thailand	KG
Pasta/trab tal-glutina tal-qamħirrum	2302 10 00 00	GTA Brażil	KG
Granuli tat-trab tal-proteina (residwu tal-qamħirrum)	2302 10 00 00	GTA Brażil	KG
Kejk tal-filtru tal-proteina (residwu tal-qamħirrum)	2302 10 00 00	GTA Brażil	KG
Ħliefa tal-qamħirrum imbexxa	2302 10 00 00	GTA Brażil	KG

3.8. **Kalkolu tal-Valur Normali**

(179) Sabiex tistabbilixxi l-valur normali, il-Kummissjoni ħadet il-passi li ġejjin.

(180) L-ewwel, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura (li jkopru l-konsum tal-materja prima, tal-manodopera u tal-enerġija). Hija applikat il-kostijiet unitarji mingħajr distorsjoni bbażati fuq is-sorsi elenkati hawn fuq għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(181) It-tieni nett, biex waslet għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni żiedet il-kostijiet ġenerali tal-manifattura. Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw żdiedu bil-kostijiet tal-materja prima u l-materjali awżiljarji msemmija fil-premessa (171) u sussegwentement ġew espressi bħala sehem mill-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

(182) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni applikat l-SG&A u l-profitt medju ponderat ta' seba' produtturi Kolombjani rappreżentattivi ta' ingredjenti għall-industrija tax-xorb, tat-tindif, tal-ikel, tas-saħħa u dik farmaċewtika għall-kalkolu ta' hawn fuq.

(183) Meta espressi bħala perċentwal tal-kostijiet tal-manifattura, dawn jammontaw għal 24,82 % għall-SG&A u 20,72 % għall-profitt. Meta espressi bħala perċentwal tad-dħul, dawn jammontaw għal 17 % għall-SG&A u 14,2 % għall-profitt.

(184) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni bniet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ex-works, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni bniet il-valur normali għal kull tip ta' prodott għal kull wieħed mill-erba' produtturi esportaturi li kkooperaw.

3.9. **Prezz tal-esportazzjoni**

(185) Il-produtturi esportaturi li kkooperaw esportaw lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz effettivament imħallas jew li jista' jitħallas għall-prodott taħt rieżami meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.10. **Tqabbil**

(186) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera fuq bażi ex-works.

(187) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Abbażi ta' dan, fejn applikabbli u ġġustifikat, saru konċessjonijiet għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġjar, it-tagħbija u l-kostijiet anċillari, l-ippakkjar, il-kostijiet ta' kreditu, il-kostijiet bankarji u l-kummissjonijiet.

3.11. **Il-marġnijiet tad-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw**

(188) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott taħt rieżami, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(189) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma ogħla minn 42 % għal Weifang Ensign Industry Co., Ltd u 144 % għal COFCO Bio-Chemical Energy (Yushu) Co. Ltd. L-ebda dumping ma ġie kkalkulat għal RZBC Group (RZBC (Juxian) Co., Ltd. u n-negozjant relatat RZBC Imp. & Exp. Co., Ltd.), u lanqas għal Jiangsu Guoxin Union Energy Co. Ltd, li huma soġġetti għal impenji ta' prezzijiet kif spjegat fil-premessa (191).

3.12. **Il-marġnijiet tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx**

(190) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll il-marġni tad-dumping medju għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx. Fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, intuża l-ogħla marġni ta' dumping tal-produtturi li kkooperaw, mhux l-inqas minħabba l-livell konsiderevolment aktar baxx tal-prezzijiet tal-esportazzjoni minn kumpaniji li ma kkooperawx.

3.13. **Konklużjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' dumping**

(191) B'kollox, il-maġġoranza tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-UE (bejn 70 u 90 %) saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping sinifikanti matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami. L-esportazzjonijiet Ċiniżi li jifdal saru miż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw u li għalihom ma ġie stabbilit l-ebda dumping. Dawn iż-żewġ produtturi esportaturi huma soġġetti għal impenji fuq il-prezzijiet u l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni saru bil-prezz minimu tal-importazzjoni. Għalhekk, il-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom lejn l-Unjoni tqiesu li huma influwenzati mill-impenji u għalhekk mhux affidabbli biżżejjed biex jintużaw għad-determinazzjoni ta' jekk id-dumping huwiex se jkompli fil-kuntest ta' dan ir-rieżami ta' skadenza.

(192) Fil-qosor, id-dumping kompla għall-maġġoranza l-kbira tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dumping tkompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4. IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING

(193) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping f'każ li l-miżuri jiġu revokati skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-pajjiż ikkonċernat, u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni; ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni; u prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(194) Kif issemma hawn fuq, erba' produtturi esportaturi Ċiniżi biss ippreżentaw ruħhom. Għalhekk, l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kienet limitata.

(195) Għal din ir-raġuni, il-maġġoranza tas-sejbiet stabbiliti hawn taħt li jikkonċernaw il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping kellhom ikunu bbażati fuq sorsi oħra, jiġifieri, il-bażijiet ta' *data* tal-Eurostat u l-GTA u l-informazzjoni mressqa mill-industrija tal-Unjoni fit-talba għal rieżami. L-analiżi ta' dik l-informazzjoni żvelat dan li ġej.

4.1. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-pajjiż ikkonċernat

(196) Abbażi biss tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, l-investigazzjoni żvelat kapaċitajiet ta' produzzjoni żejda ta' madwar 129 000 tunnellata, li jammontaw għal 20 sa 40 % tad-domanda tal-UE. Fl-RIP, il-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża totali hija stmata li hija bejn tlieta u erba' darbiet aktar mill-konsum totali tal-UE.

(197) Id-domanda domestika Ċiniża kienet stmata li hija madwar 465 000 tunnellata — anqas minn 24 % tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-pajjiż. Barra minn hekk, żidiet ulterjuri ppjanati fil-kapaċità jindikaw li din tal-aħħar se tilħaq il-livell tal-konsum dinji totali fl-2021 ([62]) — li se jkompli jaggrava l-kapaċità żejda Ċiniża eżistenti. Dawn il-kapaċitajiet ġodda wisq probabbli se jissarrfu fi pressjoni saħansitra akbar għall-esportazzjoni, mhux l-anqas fid-dawl tad-diskrepanza bejn il-kapaċità u l-livelli msemmija hawn fuq tad-domanda domestika. Huwa improbabbli ħafna li l-konsum domestiku Ċiniż jiżdied sal-punt li jkun kapaċi jassorbi l-kapaċità eżistenti, u wisq inqas dik miżjuda. Barra minn hekk, il-preżenza ta' miżuri diġà fis-seħħ f'għadd ta' swieq oħra tagħmilha ferm probabbli li jkun hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jekk il-miżuri fl-Unjoni jitħassru.

4.2. L-attraenza tas-suq tal-Unjoni

(198) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportazzjonijiet Ċiniżi kienet evidenti minħabba l-preżenza li kompliet u li kienet massiva anke bil-miżuri — u li tilħaq bejn 30 % u 50 % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni.

(199) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni għal darb'oħra kienet ssottolinjata ulterjorment mill-fatt li investitur Ċiniż qed jibni impjant ġdid b'kapaċità li tilħaq sa 60 000 tunnellata fl-Unjoni ([63]).

(200) Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn swieq importanti oħra bħall-Istati Uniti, il-Brażil, il-Kolombja, l-Indja jew it-Tajlandja kienu ristretti mill-eżistenza ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ.

(201) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni kienet ikkonfermata wkoll mill-elementi tal-prezz imsemmija hawn taħt.

4.3. Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni

(202) Il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi mill-erba' kumpaniji li kkooperaw kienu bejn 20 u 40 % anqas mill-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni, u dan jerġa' jissottolinja l-attraenza tagħha.

([62]) Il-Kummissjoni għamlet l-informazzjoni dwar il-livell ta' kapaċitajiet fiċ-Ċina, flimkien mal-materjali tas-sors, disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati, fis-7 ta' Ġunju 2020, issejvjat bħala Nru t20.004035.

([63]) Istitut Ċina-CEE: "*China and Hungary: 70 years of bilateral relations in a changing world*" (Iċ-Ċina u l-Ungerija: 70 Sena ta' relazzjonijiet bilaterali f'dinja li qed tinbidel), Diċembru 2019, p. 75.

4.4. **Prattiki ta' ċirkomvenzjoni**

(203) Il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni permezz tal-Malasja, li wasslu għall-impożizzjoni ta' dazji kontra ċ-ċirkomvenzjoni f'Jannar 2016 imsemmija fil-premessa (5), komplew jissottolinjaw l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportazzjonijiet Ċiniżi.

4.5. **Il-prezzijiet u l-marġnijiet tad-dumping probabbli f'każ li l-miżuri jiġu mħassra**

(204) Kif spjegat hawn fuq, id-dumping kompla għall-maġġoranza l-kbira tal-esportazzjonijiet Ċiniżi.

(205) Barra minn hekk, l-indikazzjonijiet kollha kienu li l-bejgħ isir f'livelli oġġett ta' dumping f'każ li l-miżuri jiskadu.

(206) L-ewwel nett, il-fatt li l-kumpaniji kollha b'impriżi biegħu preċiżament bil-prezz minimu tal-importazzjoni tal-impriża, indika li l-impenn kien qed jaġixxi bħala prezz minimu. Fin-nuqqas ta' tali valur minimu, u ffaċċjati b'kompetizzjoni minn esportazzjonijiet Ċiniżi oħra bi prezzijiet fil-medda ta' bejn it-30 u l-40 % anqas minn dawk fl-impenn, id-ditti jkollhom ibigħu f'dik il-medda ta' prezzijiet aktar baxxi biex jibqgħu fis-suq. Dan x'aktarx iwassal għal marġnijiet ta' dumping ogħla għall-kumpaniji kollha soġġetti għall-impenn.

(207) It-tieni nett, iċ-ċirkomvenzjoni tista' titqies bħala fattur addizzjonali li jindika l-interess tal-esportaturi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u l-inkapaċità tagħhom li jikkompetu fis-suq tal-Unjoni f'livelli mhux oġġett ta' dumping. Kien hemm ukoll xejra ta' mġiba inġusta fl-ipprezzar minn ditti Ċiniżi meta jesportaw lejn swieq oħra, kif muri minn għadd kbir ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ kontra l-aċidu ċitriku fil-pajjiżi terzi msemmija fil-premessa (200).

(208) It-tielet nett, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi mill-erba' kumpaniji li kkooperaw kienu ħafna anqas minn dawk lejn l-Unjoni, li jindika l-probabbiltà ta' tnaqqis ulterjuri fil-prezzijiet tal-esportazzjoni u b'hekk ta' żieda ulterjuri fil-marġnijiet tad-dumping jekk il-miżuri jiskadu.

4.6. **Konklużjoni**

(209) Jekk il-miżuri jiskadu, l-analiżi ta' hawn fuq żvelat il-kontinwazzjoni tad-dumping u l-probabbiltà qawwija ta' żieda fil-marġnijiet tad-dumping, bi preżenza sahansitra aktar prominenti ta' importazzjonijiet fis-suq attraenti tal-Unjoni.

(210) Wara d-divulgazzjoni, is-CCCMC u tliet produtturi esportaturi li kkooperaw iddubitaw is-sejbiet dwar il-kapaċità żejda. Huma sostnew li abbażi tal-kalkoli proprji tal-Kummissjoni, il-kapaċitajiet żejda naqsu minn 192 000 tunnellata fl-2015 (ir-rieżami preċedenti) għal 129 000 tunnellata fl-RIP, u b'hekk jikkontradixxu s-sejba ta' kapaċità ta' produzzjoni żejda dejjem akbar li tissarraf fi pressjoni ogħla għall-esportazzjoni. Il-Kummissjoni nnotat li hija vvalutat il-kapaċitajiet żejda abbażi tad-*data* mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Dawn il-produtturi esportaturi li kkooperaw huma differenti mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fir-rieżami preċedenti. Għal din ir-raġuni, it-tqabbil mis-CCCMC u t-tliet produtturi esportaturi li kkooperaw huwa żbaljat. Fi kwalunkwe każ, 129 000 tunnellata għadhom jirrappreżentaw kapaċità żejda massiva. Il-pretensjoni kienet għalhekk miċħuda.

(211) Wara d-divulgazzjoni, is-CCCMC u tliet produtturi esportaturi li kkooperaw sostnew li l-Kummissjoni ma kinitx ivverifikat l-affidabbiltà u l-akkuratezza tal-evidenza ddikjarata dwar iż-żidiet ippjanati fil-kapaċità ppreżentati mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni nnotat li hija rrieżaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet kemm tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll tas-CCCMC f'dan ir-rigward u r-rieżami tagħha ma sab l-ebda element li jista' jibdel is-sejbiet tagħha kif stabbiliti fil-premessa (197).

(212) Wara d-divulgazzjoni, is-CCCMC u tliet produtturi esportaturi li kkooperaw iddikjaraw li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni jaqgħu għal-livelli ta' pajjiżi terzi fin-nuqqas ta' miżuri ġodda, hija spekulazzjoni totali. Huma sostnew ukoll li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda kwantifikazzjoni jew analiżi fir-rigward tal-konklużjoni tagħha li l-esportazzjonijiet mir-RPĊ x'aktarx jiżdiedu u jseħħu f'marġnijiet ta' dumping ogħla fin-nuqqas ta' miżuri. Fl-aħħar nett, huma sostnew li l-Kummissjoni ma ppreżentatx raġunament ekonomiku sod għaliex il-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu se jwaqqgħu sostanzjalment il-prezzijiet tagħhom lejn l-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri mġedda.

(213) Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni nnotat li l-investigazzjoni stabbilixxiet b'mod ċar li d-dumping ikompli anki abbażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni li huma msaħħa mill-PMI tal-impenji. Il-prezzijiet tal-produtturi esportaturi mhux soġġetti għal impenji kienu ferm aktar baxxi, u dan jindika b'mod ċar li l-prezzijiet x'aktarx li jonqsu finnuqqas ta' impenji. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienu ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn swieq oħra għall-produtturi esportaturi kollha soġġetti għal impenji, u dan jindika li s-suq tal-Unjoni jattira żieda fl-importazzjonijiet. Dawn l-elementi, flimkien mal-kapaċità żejda sinifikanti fir-RPĊ, appoġġaw b'mod ċar is-sejba li l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni x'aktarx li jkomplu jseħħu bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u b'volumi akbar jekk il-miżuri jiġu revokati.

5. **DANNU**

5.1. **Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(214) Il-prodott simili ġie mmanifatturat minn żewġ produtturi fl-Unjoni matul l-RIP. Dawn il-produtturi jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(215) Fir-rigward tal-fatt li żewġ produtturi biss jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni ppreżentat uħud miċ-ċifri f'dan ir-Regolament bl-użu ta' meded u/jew indiċijiet skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku sabiex tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali.

(216) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġiet stabbilita fil-medda ta' bejn 300 000 u 350 000 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

5.2. **Il-konsum tal-Unjoni**

(217) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni fuq il-bażi tal-bejgħ fis-suq ħieles tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-importazzjonijiet mir-RPĊ u pajjiżi terzi oħra, kif indikat fit-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-istatistika tal-importazzjoni bbażata fuq il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6).

(218) Il-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Konsum totali tal-Unjoni	500 000 - 550 000	535 000 – 585 000	535 000 – 585 000	515 000 - 565 000
Indiċi	*100*	*107*	*107*	*103*

Sors: It-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6)

(219) Il-konsum tal-Unjoni inizjalment żdied b'7 %, u laħaq il-massimu tiegħu fl-2017 u fl-2018. Bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-konsum naqas xi ftit, iżda baqa' 3 % ogħla milli fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(220) Ir-raġuni għaż-żieda fil-konsum tal-aċidu ċitriku kienet iż-żieda fil-konsum ta' prodotti li jużaw il-prodott taħt rieżami f'diversi industriji bħall-ikel, id-deterġenti tad-dar, il-prodotti farmaċewtiċi u l-kożmetiċi. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni li tirrikjedi s-sostituzzjoni tal-fosfati fid-deterġenti tat-tindif tad-dar wasslet għal żieda akbar fil-konsum tal-prodott taħt rieżami, peress li l-aċidu ċitriku huwa wieħed mill-aktar sostituti xierqa tal-fosfati f'dawn l-applikazzjonijiet.

5.3. **L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

5.3.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(221) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6). Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6) u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni.

(222) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u s-sehem mis-suq

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina	207 295	190 750	223 185	205 595
Indiċi	*100*	*92*	*108*	*99*
Sehem mis-suq (%)	40–45	34–39	40–45	38–43
Indiċi	*100*	*86*	*100*	96

Sors: It-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6)

(223) Il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u baqa' kważi fl-istess livell fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbel mal-2016. L-importazzjonijiet aktar baxxi fl-2017 u l-importazzjonijiet ogħla tal-2018 huma marbuta mal-fatt li l-aċidu ċitriku huwa prodott ittrasportat fi kwantitajiet kbar, u tali kwantità kbira daħlet fis-suq tal-Unjoni f'Jannar 2018 u għalhekk ġiet attribwita għall-importazzjonijiet tal-2018 (l-importazzjonijiet ta' Jannar 2018 huma madwar 50 % ogħla minn Diċembru 2017). B'mod ġenerali, il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu stabbli.

(224) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku miċ-Ċina kien sinifikanti u baqa' fil-biċċa l-kbira fil-medda ta' 40 %, bi tnaqqis żgħir ta' 1,4 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. Peress li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra naqsu wkoll, kif deskritt fil-premessa (234) sa (235), il-Kummissjoni osservat li ż-żieda fid-domanda matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ġiet issodisfata biż-żieda fil-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

5.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(225) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6). Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Il-prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Iċ-Ċina	736,7	773,8	738,2	701,9
Indiċi	*100*	*105*	*100*	*95*

Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6)

(226) Il-prezz tal-aċidu ċitriku importat miċ-Ċina kien stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod ġenerali, il-prezz tal-aċidu ċitriku Ċiniż naqas b'5 % meta mqabbel mal-2016. Il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina baqgħu sostanzjalment aktar baxxi meta mqabbla mal-prezzijiet tal-Unjoni, kif rifless fit-Tabella 8.

(227) Iż-żieda fil-prezzijiet tal-importazzjoni fl-2017 tista' tiġi marbuta maż-żieda fil-konsum, li, kif spjegat fil-premessa (219), kienet partikolarment għolja fl-2017, minħabba l-bidla leġiżlattiva deskritta fil-premessa (220) li tikkonċerna l-fosfati. Din iż-żieda fid-domanda wasslet għal żieda fil-prezzijiet tal-importazzjoni. Il-prezzijiet imbagħad naqsu fl-2018 u fl-2019 hekk kif id-domanda ġiet aġġustata.

(228) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet:

(a) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni imposti fuq il-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ex-works; u

(b) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi li kkooperaw lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni u nol (CIF) inkluż id-dazju anti-dumping, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(229) Hawn taħt jidhru żewġ livelli ta' marġnijiet ta' twaqqigħ, bl-ewwel waħda tkopri l-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux soġġetti għall-impenn imsemmi fil-premessa (189). It-tieni livell jinkludi wkoll it-tliet kooperaturi li kienu soġġetti għall-impenn. Issir distinzjoni minħabba li l-prezzijiet tal-kumpaniji soġġetti għall-impenn kienu influwenzati mit-termini tal-impenn.

(230) Għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx, it-twaqqigħ tal-prezz ma setax jiġi stabbilit bl-użu tal-prezzijiet għal kull tip ta' prodott, peress li din l-informazzjoni ma kinitx disponibbli. Għalhekk, it-twaqqigħ tal-prezz ġie stabbilit billi ġew imqabbla l-prezzijiet medji ponderati ġenerali tal-bejgħ kemm għall-produtturi tal-Unjoni kif ukoll għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li ma kkooperawx.

(231) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament xieraq fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. Ir-riżultati tat-tqabbil ġew espressi bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dawn urew marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju ponderat għall-produtturi esportaturi mhux soġġetti għall-impenji ta' aktar minn 19 %, u għall-produtturi esportaturi soġġetti għall-impenn ta' aktar minn 10 %.

5.4. **L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina**

(232) L-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina ġew prinċipalment mill-Kambodja, mill-Kolombja u mit-Tajlandja.

(233) Il-volum (aggregat) tal-importazzjonijiet, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku minn pajjiżi terzi oħra żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
It-Tajlandja	Volum (tunnellati)	19 410	20 163	13 203	13 305
	Indiċi	*100*	*104*	*68*	*69*
	Sehem mis-suq (%)	< 5	< 5	< 5	< 5
	Prezz medju (EUR)	817	887	847	784
	Indiċi	*100*	*109*	*104*	*96*

Pajjiżi terzi oħra	Volum (tunnellati)	10 331	18 612	7 909	7 194
	Indiċi	*100*	*180*	*77*	*70*
	Sehem mis-suq (%)	< 5	< 5	< 5	< 5
	Prezz medju (EUR)	1 094	1 001	1 251	1 265
	Indiċi	*100*	*92*	*114*	*116*
Total tal-pajjiżi terzi kollha	Volum (tunnellati)	29 741	38 775	21 112	20 500
	Indiċi	*100*	*130*	*71*	*69*
	Sehem mis-suq (%)	5-10	5-10	< 5	< 5
	Prezz medju (EUR)	913	942	998	952
	Indiċi	*100*	*103*	*109*	*104*

Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6)

(234) L-akbar volumi ta' importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ġew mit-Tajlandja. L-importazzjonijiet mit-Tajlandja naqsu b'31 % matul il-perjodu kkunsidrat. F'kull sena tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezzijiet segwew ix-xejra tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi, iżda kienu bejn 11 % u 15 % ogħla.

(235) L-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku mill-pajjiżi terzi kollha naqsu bi 30 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-prezzijiet tagħhom kienu wkoll ogħla meta mqabbla mal-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina.

5.5. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

5.5.1. *Kummenti ġenerali*

(236) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

5.5.2. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

(237) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Il-volum ta' produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-Unjoni

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	300 000 – 350 000	342 000 – 392 000	339 000 – 389 000	327 000 – 377 000
Indiċi	*100*	*114*	*113*	*109*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	350 000 – 400 000	381 000 – 431 000	395 000 – 445 000	395 000 – 445 000
Indiċi	*100*	*109*	*113*	*113*

Użu tal-kapaċità (%)	90–100	90–100	90–100	87–97
Indiċi	*100*	*105*	*100*	*97*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(238) Il-volum tal-produzzjoni żdied b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat u l-quċċata tal-produzzjoni ntlaħqet fl-2017 (meta kienet 14 % ogħla milli fl-2016). Ix-xejra tal-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni ssegwi fil-biċċa l-kbira x-xejra tal-konsum tal-Unjoni.

(239) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'mod kostanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u meta mqabbla mal-2016 kienet bi 13 % ogħla fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(240) L-użu tal-kapaċità varja matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u laħaq l-aktar livell baxx matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, bi 3 % taħt il-livell tal-2016.

5.5.3. *Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq*

(241) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej tul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Il-volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	250 000 – 300 000	292 000 – 342 000	280 000 – 330 000	275 000 – 325 000
Indiċi	*100*	*117*	*112*	*110*
Bejgħ fis-suq kaptiv	0–5 000	0–5 000	0–5 000	0–5 000
Bejgħ fis-suq ħieles	245 000 – 300 000	287 000 – 342 000	275 000 – 330 000	270 000 – 325 000
Indiċi	*100*	*116*	*112*	*110*
Is-sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq ħieles (%)	50–60	54–64	52–62	54–64
Indiċi	*100*	*109*	*104*	*107*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(242) Il-bejgħ fis-suq kaptiv, marbut prinċipalment mal-produzzjoni ta' speċjalitajiet u mluħa speċjali li jużaw l-aċidu ċitriku bħala materjal ta' input, kien f'livell żgħir ta' anqas minn 5 000 tunnellata f'kull sena tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u għalhekk ma kellu l-ebda influwenza notevoli fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, inklużi l-ishma mis-suq tagħha.

(243) Il-bejgħ żviluppa b'mod simili għax-xejra tal-produzzjoni u żdied b'10 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li kien fl-ogħla livell fl-2017.

(244) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kien bejn 50 % u 64 % f'kull sena tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami dan żdied b'madwar 4 punti perċentwali.

5.5.4. *L-impjieg u l-produttività*

(245) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-impjiegi u l-produttività fl-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 7

L-impjieg u l-produttività fl-Unjoni

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Għadd ta' impjegati	600–650	624–674	642–692	642–792
Indiċi	*100*	*104*	*107*	*107*
Il-produttività (unità/impjegat)	500–550	550–600	530–580	510–560
Indiċi	*100*	*110*	*106*	*102*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(246) L-għadd ta' impjegati espress f'ekwivalenti ta' ingaġġ full time żdied b'madwar 7 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni biex jintlaħaq il-livell ta' aktar minn 640 impjegat fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(247) Il-produttività żdiedet bi ftit biss matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'madwar 2 %. F'dan ir-rigward, il-produttività hija espressa bħala għadd ta' tunnellati għal kull għadd ta' impjegati (ekwivalenti ta' ingaġġ full-time) matul is-sena.

5.5.5. *Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat*

(248) L-impatt tal-marġnijiet ta' dumping attwali fuq l-industrija tal-Unjoni ttaffa mill-impenn applikabbli għal-livell tal-prezz ta' prodotturi esportaturi Ċiniżi kbar, li aġixxa bħala minimu għall-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi rilevanti.

(249) Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni rkuprat mid-dannu kkawżat mid-dumping tal-passat tal-prodotturi esportaturi Ċiniżi. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-proċess ta' rkupru tal-industrija tal-Unjoni kompla kif muri minn xejra favorevoli tal-indikaturi ewlenin tad-dannu.

5.5.6. *Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet*

(250) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ tal-unitajiet tal-prodotturi tal-Unjoni lill-konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fis-suq ħieles (EUR/tunnellata)	1 000–1 100	980–1 080	1 010–1 110	1 010–1 110
Indiċi	*100*	*98*	*101*	*101*
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	800–900	760–860	824–924	840–940
Indiċi	*100*	*95*	*103*	*105*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(251) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unitajiet tal-prodotturi tal-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni kienu stabbli ħafna u żdiedu b'1 % biss matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(252) Il-kost unitarju tal-produzzjoni varja matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni biex laħaq livell ogħla ta' 5 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbel mal-2016. Iż-żieda fil-kostijiet ikkombinata ma' żieda żgħira biss fil-prezzijiet irriżultat fi tnaqqis tal-profittabbiltà, kif deskritt fil-premessa (257).

5.5.7. *Kostijiet lavorattivi*

(253) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-prodotturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	70 000 – 80 000	70 000 – 80 000	71 400 – 81 400	72 800 – 82 800
Indiċi	*100*	*100*	*102*	*104*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(254) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-prodotturi tal-Unjoni żdiedu b'4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, anqas mill-inflazzjoni fl-Unjoni matul dan il-perjodu.

5.5.8. Inventarji

(255) Il-livelli tal-istokk tal-prodotturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

L-inventarji

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
L-istokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	20 000 – 25 000	16 200 – 21 200	24 400 – 39 400	24 000 – 28 000
Indiċi	*100*	*81*	*122*	*120*
L-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	5–10	3–8	5–10	5–11
Indiċi	*100*	*71*	*107*	*110*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(256) L-istokkijiet tal-għeluq tal-prodotturi tal-Unjoni żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-livell tal-inventarji jinsab f'livell stabbli wara ż-żieda fil-bejgħ u fil-produzzjoni. Il-livell ferm aktar baxx tal-istokk kien l-eċċezzjoni għat-tmiem is-sena 2017. L-eċċezzjoni hija marbuta maż-żieda fid-domanda għall-aċidu ċitriku minħabba s-sostituzzjoni tal-fosfati fil-kompożizzjoni kimika ta' ċerti prodotti, kif spjegat fil-premessa (220).

5.5.9. *Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital*

(257) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 11

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2016	2017	2018	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Il-profitabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	15–20	18–23	14–19	11–16
Indiċi	*100*	*120*	*94*	*79*
Indiċi tal-Fluss tal-Flus	100	140	100	102
Investimenti (EUR)	40 000 000–50 000 000	35 600 000–45 600 000	31 200 000–41 200 000	39 600 000–49 600 000
Indiċi	*100*	*89*	*78*	*99*
Redditu fuq l-investimenti (%)	30–40	37–48	27–38	26–36
Indiċi	*100*	*125*	*92*	*86*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(258) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profitabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(259) Il-profittabbiltà matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kienet fl-ogħla livell fl-2017. Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kienu marbuta mas-sostituzzjoni tal-fosfati, kif deskritt fil-premessa (220) u profitabbiltà ogħla f'dik is-sena jenħtieġ li tkun marbuta ma' żieda fid-domanda f'dik is-sena speċifika. Il-profittabbiltà ġenerali tal-industrija fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet ogħla minn 10 %.

(260) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. L-iżvilupp tiegħu baqa' f'livelli simili matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ħlief fis-sena 2017.

(261) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt espress bħala perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. L-iżvilupp tiegħu kien simili għall-iżvilupp tal-profittabbiltà, u baqa' f'livelli sodisfaċenti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu.

(262) L-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni ma rrapporta diffikultajiet fil-ġbir tal-kapital matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

5.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(263) Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu bħall-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, l-impjieg, il-kapaċità, il-produttività u l-fluss tal-flus żviluppaw b'mod pożittiv. Filwaqt li x-xejra tal-indikaturi finanzjarji bħall-profitabbiltà u r-redditu fuq l-investimenti hija negattiva, il-livelli assoluti tagħhom għadhom soddisfaċenti u ma jurux sinjali ta' dannu materjali.

(264) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

6. IL-PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU

6.1. Kummenti ġenerali

(265) Fil-premessa (262), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu oriġinarjament ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina jekk il-miżuri kontra l-importazzjonijiet Ċiniżi jkunu tħallew jiskadu ([64]).

(266) Ix-xejriet ta' hawn fuq li jikkonċernaw il-prezzijiet u l-volumi tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami miċ-Ċina juru li filwaqt li l-esportaturi Ċiniżi żammew preżenza mdaqqsa fis-suq tal-Unjoni, il-miżuri fis-seħħ (dazju u impenji) wasslu għal titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq. L-industrija tal-Unjoni kienet il-benefiċjarju ewlieni ta' dan l-iżvilupp, peress li l-preżenza fis-suq ta' pajjiżi terzi oħra baqgħet limitata. Dan jindika li t-tneħħija tad-dannu hija prinċipalment dovuta għall-eżistenza tal-miżuri fis-seħħ.

(267) Kif imsemmi fil-premessi (196) sa (197), il-produtturi esportaturi fir-RPĊ għandhom kapaċità żejda enormi u li qed tiżdied li tippermettilhom li jżidu l-esportazzjonijiet tagħhom b'mod rapidu ħafna. Barra minn hekk, fid-dawl tal-prezzijiet aktar profittabbli fis-suq tal-Unjoni meta mqabbla ma' swieq tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi terzi, huwa probabbli li l-kwantitajiet sinifikanti attwalment esportati lejn dawk il-pajjiżi jistgħu jiġu diretti mill-ġdid lejn is-suq tal-Unjoni f'każ li l-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu.

(268) Barra minn hekk, is-swieq internazzjonali ewlenin għandhom miżuri għad-difiża tal-kummerċ kontra l-aċidu ċitriku Ċiniż. Għalhekk, se jkun aktar diffiċli għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li jbigħu f'dawk is-swieq milli f'suq tal-Unjoni mhux protett f'każ li l-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu.

(269) Barra minn hekk, il-livelli tal-prezzijiet tal-esportaturi Ċiniżi waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'mod sinifikanti anke bil-miżuri fis-seħħ. Mingħajr dazji, it-twaqqigħ tal-prezz mill-produtturi esportaturi mingħajr impenji jkun ta' aktar minn 29 %. Dan ta' hawn fuq juri l-livelli tal-prezzijiet li bihom il-produtturi esportaturi Ċiniżi x'aktarx jidħlu fis-suq tal-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri. Mingħajr il-miżuri fis-seħħ, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' żżomm il-prezzijiet tagħha, u x'aktarx iġġarrab f'telf bħal fl-investigazzjoni oriġinali.

(270) Il-probabbiltà ta' esportazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet baxxi fin-nuqqas ta' miżuri hija kkonfermata wkoll mill-bosta investigazzjonijiet anti-dumping dwar l-aċidu ċitriku Ċiniż f'pajjiżi oħra msemmija fil-premessa (200).

(271) Il-kombinazzjoni tal-kapaċità għolja tal-esportazzjoni tal-produtturi Ċiniżi u prezzijiet dannużi twassal b'mod dirett għal telf rapidu tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u/jew tnaqqis fil-prezzijiet tagħha, li l-effett tagħhom iwassal għal deterjorament finanzjarju profond, li jfixkel is-sopravivenza tal-industrija tal-Unjoni — kif jidher mill-għeluq ta' produtturi oħra tal-Unjoni, imsemmi fil-premessa (276).

(272) Wara d-divulgazzjoni, is-CCCMC u tliet produtturi esportaturi li kkooperaw ikkummentaw fir-rigward tal-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu li żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet aktar baxxi ma tagħmilx sens kummerċjali jew tas-suq, jekk il-miżuri jiskadu. Barra minn hekk, is-CCCMC sostniet ukoll li l-miżuri għad-difiża tal-kummerċ f'pajjiżi oħra ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-produtturi esportaturi miċ-Ċina. Dawn il-pretensjonijiet la kienu sostanzjati u lanqas ma wrew b'xi mod li l-firxa wiesgħa ta' elementi u raġunament sostantivi msemmija hawn fuq ma kinux korretti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-prezzijiet tal-importazzjoni mingħajr dazji, kif muri fit-Tabella 3 huma diġà ferm taħt il-kostijiet tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni (kif muri fit-Tabella 11). Konsegwentement, anki li jinżammu dawn il-prezzijiet baxxi tal-importazzjoni jitfa' pressjoni fuq l-industrija tal-Unjoni li x'aktarx terġa' timmaterjalizza f'dannu. B'hekk, dawn il-pretensjonijiet ma jistgħux jiġu milqugħa.

([64]) Ara r-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States — Anti-Dumping Measures on Oil Country Tubular Goods (OCTG) from Mexico* (Stati Uniti — Miżuri Anti-Dumping dwar Oġġetti Tubulari tal-Pajjiż taż-Żejt mill-Messiku) (WT/DS282/AB/R), il-paragrafi 108 u 122–123.

(273) Għalhekk, ġie konkluż li wisq probabbli n-nuqqas ta' miżuri jwassal għal żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina bi prezzijiet dannużi u li aktarx iwassal għal rikorrenza ta' dannu materjali.

7. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(274) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

7.1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(275) Iż-żewġ produtturi tal-Unjoni li flimkien jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni tal-Unjoni kkooperaw f'din l-investigazzjoni. Kif iddikjarat fil-premessa (263), l-industrija tal-Unjoni rkuprat mill-ħsara kkawżata minn dumping fil-passat u l-operazzjonijiet tagħha huma vijabbli meta ma jkunux soġġetti għal kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(276) L-industrija tal-Unjoni kienet qed issegwi ż-żieda fid-domanda għall-aċidu ċitriku, inklużi l-investimenti meħtieġa biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom u qed tippjana li tespandi aktar.

(277) Fl-istess ħin, it-tneħħija tal-miżuri x'aktarx twassal għal żieda fil-kompetizzjoni inġusta mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping, li thedded l-operazzjoni kontinwa tal-produtturi li jifdal f'industrija li altrimenti tkun vijabbli. Huwa mfakkar li tliet produtturi fl-Unjoni kienu għalqu qabel l-impożizzjoni tal-miżuri kontra l-importazzjonijiet Ċiniżi.

(278) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien fl-interess tal-industrija tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri fis-seħħ.

7.2. **L-interess ta' importaturi mhux relatati**

(279) Kif ġie ddikjarat fil-premessa (18), importatur mhux relatat wieħed biss issottometta tweġiba għall-kwestjonarju. Għalhekk ma kienx hemm wisq interess fost l-importaturi fl-investigazzjoni attwali.

(280) L-importaturi tal-aċidu ċitriku spiss ikunu negozjanti ta' firxa usa' ta' prodotti kimiċi u għalhekk mhumiex limitati għall-aċidu ċitriku. Barra minn hekk, in-negozjanti jimportaw prodotti kimiċi minn pajjiżi terzi oħra minbarra ċ-Ċina, u jwettqu negozju wkoll fi prodotti mmanifatturati mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-impatt potenzjali taż-żamma tad-dazji fuq l-importaturi huwa mistenni li jkun limitat ħafna.

7.3. **L-interess tal-utenti**

(281) Kif stabbilit fil-premessa (23), il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju minn erba' utenti mill-industrija tas-saħħa, tas-sbuħija u tal-iġjene fid-djar. Minkejja l-industrija tal-ikel u x-xorb li tikkostitwixxi l-akbar utent tal-aċidu ċitriku, l-ebda utent minn dik l-industrija ma kkoopera fl-investigazzjoni.

(282) Għall-biċċa l-kbira tal-utenti, l-aċidu ċitriku jammonta għal parti żgħira jew saħansitra negliġibbli mill-istruttura tal-kostijiet tagħhom. F'xi tip speċifiku ta' prodotti, b'mod partikolari fil-qasam tal-prodotti tal-iġjene fid-djar bħall-pilloli tal-magni tal-ħasil tal-platti, il-kontenut tal-aċidu ċitriku huwa ferm ogħla.

(283) Fil-kummenti tagħhom, l-utenti li kkooperaw iddikjaraw li l-industrija tal-Unjoni rkuprat bis-sħiħ, u indikaw li mhijiex kapaċi tissodisfa bis-sħiħ id-domanda fl-Unjoni. Il-kummenti semmew ukoll li, speċjalment għal prodotti b'kontenut eċċezzjonalment għoli ta' aċidu ċitriku, il-produzzjoni ta' dawn il-prodotti fl-Unjoni hija anqas kompetittiva meta mqabbla ma' pajjiżi fejn l-aċidu ċitriku mhuwiex soġġett għal dazji. L-utenti indikaw ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tajba tal-produtturi tal-Unjoni.

(284) Il-miżuri eżistenti ma affettwawx id-disponibbiltà tal-aċidu ċitriku minn sorsi mhux tal-Unjoni, kif tikkonferma l-preżenza mdaqqsa kontinwa tal-esportazzjonijiet Ċiniżi. Iż-żidiet fil-kapaċità tal-produzzjoni huma ppjanati fl-Unjoni, kemm mill-produtturi tal-Unjoni kif ukoll mill-investiment Ċiniż fl-Unjoni msemmi fil-premessa (199).

(285) Il-profittabbiltà tal-utenti li kkooperaw kienet għolja, u għall-maġġoranza l-kbira tal-utenti, l-impatt finanzjarju tal-kost tal-aċidu ċitriku bħala materja prima kien negliġibbli. Għall-utenti involuti fil-produzzjoni tat-tip ta' prodotti li fihom kontenut ogħla ta' aċidu ċitriku, dawk il-prodotti kienu biss parti minn portafoll ħafna usa'. Matul ir-rieżami ta' skadenza preċedenti, meta aktar utenti kkooperaw fl-investigazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet li l-aċidu ċitriku jammonta għal mhux aktar minn 5 % tal-kostijiet tal-materja prima tal-utenti li jipproduċu prodotti kimiċi. Għalhekk, l-effett tal-miżuri fuq dawn l-utenti kien meqjus bħala limitat.

(286) Kollox ma' kollox, l-effett pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni kien ferm akbar mill-impatt negattiv limitat tal-miżuri fis-seħħ fuq l-utenti.

7.4. **Fatturi oħra — is-sigurtà tas-sorsi tal-provvista**

(287) Is-sigurtà tal-provvista hija element importanti tas-suq tal-aċidu ċitriku. Għall-maġġoranza tal-applikazzjonijiet tal-aċidu ċitriku, il-fattur tal-prezz kien negliġibbli, filwaqt li d-disponibbiltà tal-prodott taħt rieżami bħala materja prima kienet kruċjali. Fin-nuqqas ta' miżuri, is-sopravivenza tal-industrija tal-Unjoni tkun fil-periklu, b'effetti lil hinn mill-industrija nnifisha, eż., tnaqqis fis-sorsi disponibbli ta' provvista jew tnaqqis tal-kompetituri fis-suq.

7.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(288) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti dwar l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw miċ-Ċina.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(289) Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' dumping, ir-rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping dwar l-aċidu ċitriku miċ-Ċina jenħtieġ li jinżammu.

(290) Fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("UK") mill-Unjoni Ewropea, b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni analizzat ukoll l-impatt ta' tali ħruġ fuq il-konklużjonijiet ta' dan ir-rieżami ta' skadenza.

(291) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li s-sehem tal-importazzjonijiet totali tal-aċidu ċitriku fir-Renju Unit mill-importazzjonijiet totali fuq bażi tal-EU-28 kien inqas minn 10 % matul il-perjodu kkunsidrat (sors: Bażi tad-*data* tal-14.6). La l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u lanqas il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni ma jkunu affettwati mit-tnaqqis tas-suq intern għall-EU-27.

(292) Il-bejgħ miż-żewġ produtturi uniċi tal-Unjoni lejn ir-Renju Unit kien fl-istess ordni ta' kobor.

(293) Għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi fejn il-marġni tad-dumping ġie kkalkulat kif spjegat fil-premessa (189), it-tneħħija tal-bejgħ tal-esportazzjoni lejn ir-Renju Unit għall-finijiet tal-kalkolu ta' marġni tad-dumping ma jkollhiex impatt ta' aktar minn 1 punt perċentwali. Bħala korollarju ta' dan, il-marġnijiet ta' dumping għall-produtturi li ma kkooperawx ukoll ma jinbidlux.

(294) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-riżultati ta' din l-investigazzjoni li wasslu għaż-żamma tal-miżuri antidumping ma jvarjawx, irrispettivament minn jekk ir-Renju Unit jitqiesx għall-analiżi jew le. L-ebda parti interessata ma għamlet kummenti dwar dan il-punt.

(295) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jibqgħu fis-seħħ il-miżuri eżistenti. Dawn ingħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dak l-iżvelar.

(296) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([65]), meta ammont ikollu jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

([65]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

(297) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku u ċ-ċitrat trisodiku diidrat, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2918 14 00 u ex 2918 15 00 (kodiċi TARIC 2918 15 00 11 u 2918 15 00 19) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati ta' dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)	Kodiċi TARIC addizzjonali
COFCO Bio-Chemical Energy (Yushu) Co. Ltd — No 1 Dongfeng Avenue, Wukeshu Economic Development Zone, Changchun City 130401, PRC	35,7	A874
Laiwu Taihe Biochemistry Co., Ltd. — No 89, Changjiang Street, Laiwu City, Shandong Province, PRC	15,3	A880
RZBC Co., Ltd. — No 9 Xinghai West Road, Rizhao City, Shandong Province, RPĊ	36,8	A876
RZBC (Juxian) Co., Ltd. — No 209 Laiyang Road, Juxian Economic Development Zone, Rizhao City, Shandong Province, PRC	36,8	A877
TTCA Co., Ltd. — West, Wenhe Bridge North, Anqiu City, Shandong Province, RPĊ	42,7	A878
Weifang Ensign Industry Co., Ltd. — No 1567 Changsheng Street, Changle, Weifang, Shandong Province, RPĊ	33,8	A882
Jiangsu Guoxin Union Energy Co., Ltd. — No 1 Redian Road, Yixing Economic Development Zone, Jiangsu Province, RPĊ	32,6	A879
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	42,7	A999

3. Id-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif stabbilit fil-paragrafu 2, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet tal-istess aċidu ċitriku u ċitrat trisodiku diidrat li jiġu kkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (kodiċijiet NM 2918 14 00 (Kodiċi TARIC 2918 14 00 10) u ex 2918 15 00 (kodiċi TARIC 2918 15 00 11).

4. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott* taħt rieżami*) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera li huma fatturati minn kumpaniji li l-impenji tagħhom huma aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom huma elenkati fid-Deċiżjoni 2008/899/KE, emendata ulterjorment bid-Deċiżjoni 2012/501/UE u r-Regolament (UE) 2016/704, għandhom ikunu eżentati mid-dazju anti-dumping impost mill-Artikolu 1, bil-kundizzjoni li:

(a) jiġu manifatturati, mibgħuta u fatturati direttament mill-kumpaniji msemmija lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni; u

(b) importazzjonijiet bħal dawn ikunu akkumpanjati minn fattura ta' impenn li tkun fattura kummerċjali li jkun fiha mill-anqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament; u

(c) il-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jikkorrispondu bl-eżatt mad-deskrizzjoni fuq il-fattura ta' impenn.

2. Dejn doganali għandu jiġġarrab fil-mument ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera:

(a) kull meta jiġi stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet elenkati f'dan il-paragrafu mhumiex issodisfati; jew

(b) meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tal-impenn tagħha skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([66]) permezz ta' Regolament jew Deċiżjoni li jirreferu għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara l-fatturi ta' impenn rilevanti bħala invalidi.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([66]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

ANNESS

L-elementi li ġejjin għandhom ikunu indikati fil-fattura kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ mill-kumpaniji fl-Unjoni Ewropea ta' oġġetti, li huma soġġetti għall-impenn:

1. L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA L-OĠĠETTI SOĠĠETTI GĦAL IMPENN".
2. L-isem tal-kumpanija li qed toħroġ il-fattura kummerċjali.
3. In-numru tal-fattura kummerċjali.
4. Id-data tal-ħruġ tal-fattura kummerċjali.
5. Il-kodiċi addizzjonali tat-TARIC li skontu l-prodotti fil-fattura għandhom jiġu kklerjati mid-dwana fil-fruntiera tal-Unjoni Ewropea.
6. Id-deskrizzjoni preċiża tal-prodotti, fosthom:
   — in-numru tal-kodiċi tal-prodott (NKP) użat għall-għan tal-impenn,
   — deskrizzjoni b'lingwa sempliċi tal-prodotti li jikkorrispondu man-NKP ikkonċernat,
   — in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),
   — il-kodiċi TARIC,
   — il-kwantità (li trid tingħata f'tunnellati).
7. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, fosthom:
   — prezz għal kull tunnellata,
   — it-termini tal-pagament applikabbli,
   — it-termini tal-konsenja applikabbli,
   — ir-roħs u l-iskonti totali.
8. L-isem tal-kumpanija li tagħmilha ta' importatur fl-Unjoni Ewropea li lilha l-kumpanija toħroġ direttament il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-prodotti soġġetti għal impenn.
9. L-isem tal-uffiċjal tal-kumpanija li ħareġ il-fattura kummerċjali u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

   "Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn l-Unjoni Ewropea tal-oġġetti koperti b'din il-fattura qiegħed isir fl-ambitu u skont it-termini tal-Impenn offrut minn (il-KUMPANIJA), u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/87. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."